# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN




MARZU 2001 • IL-21 SENA • GHADD 208 • NEWSPAPER POST

## IR-RANDAN: *Żmien ta' Tiġdid*

# Werrej...

EDITORJAL 3
*minn P. Joe Alessandro ofm cap*

BIBBJA 4
L-Evanġelji tal-Passjoni
*minn P. Donat Spiteri OFMCap*

JIKTBULNA L-MISSJUNARJI 7
Jiktbulna P. Silvestru Bonavia u P. Taddew Schembri

ITTRI TAL-QARREJJA 7

RIFLESSJONI U AZZJONI 8
Teleskopju fuq il-Ħajja
*minn P. William Axiaq OFMCap*

KENJA 10
Minn Raħal għal ieħor
*minn P. Hilary Abela OFMCap*



L-EVANĠELJU TA' S. MATTEW 12
Kif inhu mqassam l-Evanġelju ta' San Mattew
*minn P. Martin Micallef OFMCap*

SPIRITWALITÀ FRANĠISKANA 15
San Franġisk u l-penitenza
*minn P. Karm Borg OFMCap*

KULTURA FRANĠISKANA 16
San Franġisk fl-Arti (III)
*minn P. Martin Micallef OFMCap*

KUBA 18
L-Ewwel Perjodu 1900-1959
*minn P. Philip Cutajar OFMCap*



AĦBARIJIET KAPUĊĊINI 20

OFS 22
Ħadd għajr Franġisku
*minn P. Frans Abela Giusti OFMCap*

ŻGĦAŻAGĦ FRANĠISKANI 23
L-Internet fil-ħajja tal-lum
*minn James Mallia Gi.Fra.*

IT-TWEĠIBA 24
*minn P. William Axiaq OFMCap*

NEKROLOĠIJU 25
Tifkira ta' P. Anton Azzopardi OFMCap
*minn P. Franġisku Azzopardi OFMCap*

NOVELLA 28
Ġbart ċagħka ...
*minn Lina Brockdorff OFS*

TISLIBA 30
*minn P. Wistin Attard OFMCap*

POEŻIJI 30
L-Għanja ta' l-Abortit
L-Għanja tal-Ħabsi
*minn Geoffrey G. Attard*

VOKAZZJONIJIET 31
Kemm hu bis-Sens!
*minn P. Joe Giuliano OFMCap*

DAWL FRANĠISKAN

**MARZU 2001**
**Il-21 Sena • Għadd 208**



**Qoxra 1:**
***"Ġesù fuq is-Salib"***
***Luca Signorelli (c. 1450-1523)***
***Galleria degli Uffizi***
***Firenze, Italja.***

**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Wistin Attard ofm cap
Frans Abela Giusti ofm cap
Noel Pace
Maria Mercieca ofs
Dorian Holland ofs
Anne Marie Mifsud gi.fra.

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 233874/225525/234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 LTD, Fgura
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-
Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

# EDITORJAL

minn Fr. Joe Alessandro OFMCap.

# Għoxrin sena

## Marzu 1981 - Marzu 2001

Għoxrin sena ilu, f'Marzu ta' l-1981, ġiet ippubblikata l-ewwel ħarġa tar-rivista **Dawl Franġiskan**. Fil-ħarġa ta' Mejju 2000, f'għeluq il-mitejn ħarġa, konna tajna tagħrif fil-qosor fuq x'wassalna biex nibdew noħorġu din ir-rivista, x'kien u x'għadu l-għan tagħha u min kienu l-Edituri tagħha matul dawn is-snin. Fil-fatt, l-ewwel editur kien P. Philip Cutajar, li fi żmien P. Crispin Tabone bħala provinċjal, kien daħal għal din il-pubblikazzjoni f'isem il-Provinċja tal-Kapuċċini Maltin.

P. Philip, fl-ewwel editorjal, f'Marzu 1981, fost ħwejjeġ oħra kien kiteb hekk: *"Din ir-rivista **Dawl Franġiskan** mhix inizjattiva ġdida għal kollox fi ħdan il-Provinċja Kapuċċina Maltija. Fil-passat insibu bħala pubblikazzjoni uffiċjali tal-Provinċja **L-Immakulata** (1912-1968). Din, bil-għan li jkun hemm sforzi magħquda fil-bxara tal-Messaġġ Franġiskan, ċediet postha għar-rivista **Dawl Ġdid** (1969-1973) li bdiet toħroġ mit-tliet Ordnijiet Franġiskani flimkien ...*



*L-ewwel ħarġa tar-rivista f'Marzu 1981*

*Kienu ħafna l-fatturi li nkoraġġewna biex nagħtu l-ewwel pass fil-pubblikazzjoni ta' din ir-rivista b'messaġġ franġiskan. L-istess messaġġ fih innifsu huwa nkoraġġanti għax fih xi tħabbar u x'tagħti. L-istess ħeġġa qed tidher fil-provinċja biex hija jkollha opportunità effikaċi fejn, permezz tal-kitba, tkun tista' tkompli twettaq ix-xogħol pastorali tagħha ta' Sliem u Ġid bil-mezzi li joffrulna ż-żminijiet li fihom qed ngħixu. Li kieku San Franġisk t'Assisi kellu jgħix fi żmienna, żgur li, bil-għan li jxandar il-messsaġġ tiegħu, kien juża kull mezz ta' komunikazzjoni li l-progress preżenti qed joffri. Issa, dan, biex iwettquh, huwa d-dmir ta' wliedu."*

Fil-fatt, jekk wieħed iħares lura lejn dawn l-għoxrin sena li għaddew jinnota li dan id-dmir tagħna l-Franġiskani, li nwasslu l-messaġġ franġiskan magħġun ma' tagħlim fuq il-Kelma ta' Alla u t-tagħlim tal-Knisja li San Franġisk kien tant iħobb, qed jitwettaq permezz tal-kitba f'din ir-rivista.

Ħajr lil Alla u ħajr lil dawk li taw is-sehem tagħhom fil-pubblikazzjoni ta' **Dawl Franġiskan** matul dawn l-għoxrin sena. Dan il-messaġġ mhux biss baqa' jitwassal lilkom il-qarrejja, iżda talli, minn żmien għal ieħor, baqa' jiġi ppreżentat b'mod aktar attraenti. Minn rivista ta' 18-il paġna u bil-*cover* biss bil-kulur, illum għandna f'idejna rivista bi 32 paġna li, kollha kemm huma, huma bil-kulur. Iż-żieda fin-numru ta' paġni jfisser żieda f'artikli li jinteressaw pubbliku fuq skala aktar wiesgħa. Anki l-interess fil-qarrejja kiber: minn 900 kopja li ġew stampati fl-ewwel ħarġa, in-numru issa tela' għal 2300 kopja.

Għal dan għandna għax irroddu ħajr lil Alla li minnu tibda u fih tintemm kull opra tajba, lill-kontributuri li jiktbu fir-rivista, lil diversi voluntieri li jgħinu f'xogħol ieħor marbut magħha, u fuq kollox lilkom għeżież qarrejja, li tant tinteressaw ruħkom fiha u tkunu tistennewha b'tant ħerqa minn xahar għal ieħor.

# L-Evanġelji tal-Passjoni

minn P. Donat Spiteri OFM Cap

**L-Evanġelji tal-Passjoni jew aħjar, ir-rakkonti ta' l-istorja tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù hi l-parti ċentrali u ewlenija ta' l-Evanġelji tagħna. L-Evanġelisti, l-erba' li huma, tefgħu fuqha l-attenzjoni kollha tagħhom. Bl-Evanġelji tal-Passjoni riedu jagħtu storja sħiħa u dettaljata ta' dak li Ġesù għadda minnu fl-aħħar 24 siegħa ta' ħajtu fuq l-art.**



*Fuq lemin: Pittura minn Antonio Allegri (1489-1534), Londra*
*Isfel: Pittura minn Diego Velàsquez (1599-1660), Londra*



## L-Ewwel Evanġelju

Kellhom raġun għax kien bl-Evanġelju tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù u tal-qawmien tiegħu mill-imwiet li l-Appostli u l-ewwel ministri tal-kelma kienu jxandru l-Bxara t-Tajba ta' Ġesù Kristu. Dan kien l-ewwel Evanġelju (1Kor 15, 3-4; Atti 2, 23-24; u l-bqija). Bih kienu jfissru l-missjoni ta' Ġesù bħala l-Messija li kellu jbati u jmut u jqum mill-imwiet (Lq 24, 45-46). Bih kienu jgħallmu lill-insara kif kellhom iġibu ruħhom skond l-eżempju ta' kull virtù li Ġesù wera b'imġibtu fil-passjoni u l-mewt tiegħu (1Pt 2, 21).

Għalhekk fi żmien ir-Randan - żmien ta' ġabra u riflessjoni - il-Knisja tistedinna naħsbu u nimmeditaw fuq il-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. L-aktar fl-aħħar ġimgħa meta naqraw l-istorja tal-passjoni. Fl-ewwel tliet snin (A-B-C), f'Ħadd il-Palm, naqraw mill-ewwel tliet Evanġelji (Mt-Mk-Lq) u kull sena fil-Ġimgħa l-Kbira, naqraw l-istorja tal-passjoni mill-Evanġelju ta' San Ġwann.

Dan hu b'eżempju għalina biex nitgħallmu li f'dan iż-żmien għandna naqraw l-istorja tal-passjoni u naħsbu fuq it-tagħlim li l-Mulej Ġesù jagħtina permezz tagħha. Jaqblu u ma jaqblux

Biex nifhmu aħjar, irridu nżommu quddiem għajnejna l-karatteristiċi ta' kull wieħed mill-awturi ta' l-Evanġelji. Ninnutaw, l-ewwelnett, li fir-rakkonti ta' l-istorja tal-passjoni l-erba' Evanġelisti jaqblu sostanzjalment bejniethom.

Mill-bidu sa l-aħħar jimxu kważi pass pass flimkien u jirrakkontaw l-istess episodji. Iżda kull wieħed minnhom jirrakkkonta bil-mod u l-istil tiegħu, jinterpreta xi fatti jew kliem ta' Ġesù u jżid xi episodji mħollija barra mill-oħrajn. Dawn id-differenzi żgħar ta' bejniethom ġejjin mill-għażla libera li għamlu mill-materjal ta' l-Evanġelju orali li kien jeżisti qabel fil-komunitajiet insara; ġejjin ukoll mill-iskop u l-karattru partikulari ta' kull wieħed mill-Evanġelisti. Għalhekk nosservaw li fl-istorja tal-passjoni kull wieħed minnhom juri l-karatteristiċi personali tiegħu.



*Pittura minn Antonio Van Dyck (1599-1641) Museo del Prado, Madrid*

## San Mark

. Marku juri lil Ġesù bħala l-Messija li kellu jbati, "il-Qaddej tal-Mulej" li jbati, skond id-deskrizzjoni li naqraw f'Is 52, 13 - 53, 12. Għalkemm jagħraf li Ġesù kien jaf x'kien ġej għalih, meta waslet is-siegħa tiegħu, inħakem mill-biża' u n-niket tal-mewt, ħass ruħu bla saħħa u bla faraġ u talab li titwarrab minnu dik is-siegħa (Mk 14, 32-41). Abbandunat minn ħbiebu d-dixxipli tiegħu, ittradut minn wieħed minnhom u miċħud minn ieħor; imdawwar biss bl-għedewwa, jgħajruh, iżebilħuh u jsawtuh (Mk 14, 65). Fl-istorja tal-passjoni, Ġesù ta' Marku hu l-bniedem imsejken, mormi u ddisprezzat. Ibati fis-skiet bla ma



*Partikular: Maestro del Garofano di Baden (Sec. XV), Digione.*

jiddefendi ruħu - "bħall-ħaruf sieket quddiem min iġiżżu, hekk hu ma fetaħx fommu" (Is 53, 7; ara Mk 14, 5).

## San Mattew

Mattew fl-istorja tal-passjoni mexa sostanzjalment ma' dik ta' Marku sew fl-iskema u sew fil-kontenut tagħha b'żidiet li sab f'dokumenti jew f'xi tradizzjonijiet oħra. Żidiet żgħar, bħal Mt 26, 25 u 26, 53-54; u żidiet kbar ta' episodji sħaħ: il-mewt ta' Ġuda (26, 3-10), il-ħolma tal-mara ta' Pilatu (27, 19), Pilatu jaħsel idejh (27, 25), l-għassa mal-qabar (27, 62-66), it-terremot u l-oqbra

*Pittura minn Antonio Van Dyck (1519-1641), Napoli.*





miftuħa mal-mewt ta' Ġesù (27, 51-53) u l-aħbar li taw l-għassiesa ta' kull ma kien ġara (Mt 28, 11-15).

L-iskop ta' Mattew jidher li kien apoloġetiku, li juri lil-Lhud li Ġesù kien il-Messija li kellu jbati u jmut bla ħtija skond il-pjan li Alla kellu għalih u li kellu jseħħ fih biex "isseħħ l-Iskrittura" (Mt 26, 53), "kif hemm miktub fuqu" (26, 23).

## San Luqa

Luqa, "l-Evanġelista tal-ħniena ta' Kristu", fir-rakkonti tal-passjoni juri lil Ġesù bħala l-bniedem ġust li jbati bla ħtija biex jobdi għar-rieda tal-Missier. Jurih kalm u rrassenjat, kollu ħlewwa u tjubija u saħansitra pront biex ifarraġ lill-oħrajn bi kliem ta' sliem. Din il-figura ta' Ġesù fl-istorja tal-passjoni skond Luqa toħroġ mill-mod li bih jippreżentah u mill-episodji li jżidhom hu biss: il-każ taċ-ċaħda ta' Pietru - "u l-Mulej dar u ħares lejn Pietru" (22, 61) - ħarsa ta' mħabba u ħniena li nisslet f'Pietru l-indiema; ir-rikonċiljazzjoni bejn Pilatu u Erodi minħabba f'Ġesù (23, 61); il-kliem li bih Ġesù farraġ in-nisa ta' Ġerusalemm (23, 25-31); il-maħfra li ta lill-ħalliel it-tajjeb (23, 39-430; u saħansitra lill-għedewwa li sallbuh(23, 34); u fl-aħħar kelma tiegħu, talba ta' fiduċja f'Alla u ta' telqa f'idejh (23, 46). Kollox jaqbel sewwa mal-karattru ta' l-Evanġelju ta' Luqa u mas-sentimenti ta' l-awtur tiegħu.



## San Ġwann

Ġwanni, l-Evanġelista tal-glorja ta' Ġesù, jirrakkonta l-passjoni u l-mewt tiegħu fid-dawl tal-glorifikazzjoni tiegħu. Ġesù ta' Ġwanni mhuwiex umiljat u mirbuħ fil-passjoni tiegħu, iżda jidher ukoll rebbieħ u glorifikat. Il-glorifikazzjoni ta' Ġesù Kristu tibda bil-passjoni tiegħu (13, 1-17, 26). Hu fuq l-isfond tal-glorifikazzjoni ta' Ġesù li Ġwanni jqiegħed l-episodji ta' l-istorja tal-passjoni u l-mewt tiegħu.

Fix-xena ta' l-arrest, meta Ġesù waqa' f'idejn l-għedewwa fil-ġnien tal-Ġetsemani, Ġwanni juri lil Ġesù fil-kobor tiegħu; jurih superjuri għalihom u rebbieħ fuqhom (18, 1-11); hekk ukoll quddiem il-qassis il-kbir u s-Sinedriju (18, 19-24) u quddiem Pilatu, Ġesù hu ppreżentat bħala Sultan rebbieħ (18, 36-37); quddiemu Pilatu ħass ruħu ċkejken, u beża'.

## Għeluq

Dan kollu jfisser li, aħna u naqraw l-Evanġelji tal-Passjoni fl-erba' verżjonijiet tagħhom, għandna nżommu quddiem għajnejna l-karattru personali ta' kull wieħed mill-awturi tagħhom u nifhmu wkoll l-intenzjoni partikulari li kull wieħed kellu huwa u jikteb. Kull wieħed minnhom jippreżentalna lil Ġesù fil-passjoni u l-mewt tiegħu skond il-viżjoni u l-intenzjoni partikulari tiegħu. Imbagħad kollha flimkien, għalkemm f'aspetti diversi, jagħtuna t-tifsira waħdanija tal-misteru tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù, li hi r-rebħa tiegħu fuq il-mewt b'mewtu. ❑

***Fuq: Pittura minn Sandro Botticcelli (1445-1510), Alte Pinakothek, Monaco.***

***Xellug: Andrea Mantegna (1431-1506), Museum of Fine Arts, Copenhagen.***

# Jiktbulna l-missjunarji ...

**P. Silvestru Bonavia OFMCap**
**Songea**
**Tanzanija**



Għażiż Fr. Joe,

Għadni kemm irċevejt iż-żewġ kopji tal-ktieb fuq Malindi u l-Isqof Mons. Francis Baldacchino. Taf kemm ħadt gost daqskemm kont ħeġġiġtek biex tfittex tibgħathuli. Veru dam ma wasal, imma dan kien minħabba l-posta; anzi kont fortunat li għadda mill-maltemp u l-għargħar ta' l-Ingilterra, u xxarrab ftit. Hu x'inhu, veru ħadt gost u prosit tassew; ma jistax jonqos li kemm int u kemm Fr. Leonard u min kien jgħinkom fil-festi speċjali kellkom ħafna x'tagħmlu, imma jidher li kollox mar tajjeb. Jien kont ħaġa waħda magħkom fit-talb. U nkompli nitlob fuq kollox għall-isqof Francis u d-djoċesi tiegħu kif ukoll għall-isqof Pawlu u d-djoċesi "omm" ta' Garissa. Nitlob ukoll għalikom ilkoll biex bħala segretarjat tkomplu tagħmlu aktar magħrufa l-ħidma missjunarja tal-Provinċja tal-Kapuċċini Maltin kullimkien.

Nixtieq ninqeda b'din l-okkażjoni biex mill-ġdid nifraħlek u miegħek lill-Bord Editorjali ta' Dawl Franġiskan għar-rivista eċċellenti li qed tagħtu lill-pubbliku Malti u Għawdxi. U nirringrazzja lill-kollaboraturi kollha li verament qed jagħtu għajnuna kbira fil-formazzjoni nisranija u franġiskana lill-qarrejja kollha.

Grazzi mill-ġdid u berikni.

**P. Taddew Schembri OFMCap**
**Harar**
**Etjopja**



Għażiż Fr. Joe,

Nixtieq naqsam magħkom ftit ħsibijiet fuq il-Milied. Kważi għaddiet sena oħra. Din is-sena speċjali għax fiha ċċelebrajna l-2000 Milied ta' Kristu Ġesù. Hi s-Sena Mqaddsa li fiha Alla tefa' fuqna mħabbtu.

L-ikbar għotja ta' mħabbtu hi Ibnu Ġesù...

It-tnissiel u t-twelid tal-Kelma Divina tfakkarna fl-imħabba li Alla għandu għal kull wieħed u waħda minna. L-imħabba titlob imħabba! Għalhekk il-Milied hu u għandu jibqa' l-fatt ta' l-imħabba kbira ta' Alla għalina. Għax kull degħma xxuttata hi Milied; kull waqt ta' ferħ maqsum ma' oħrajn hu Milied; kull għemil ta' ħniena muri lil xi ħadd fil-bżonn hu Milied; kull għajnuna mogħtija b'imħabba hi Milied. Hekk il-Milied ikun kull jum ta' ħajjitna. Jalla l-Mulej jgħinna biex inkunu għodda f'idejh jew aħjar insiru għajnejh, idejh, saqajh u qalbu għal kull min hu fil-bżonn.

Irroddilkom ħajr minn qalbi u nixtiqilkom Milied hieni u sena ġdida mimlija ġid u barka mis-sema. Niftakar dejjem fikom fit-talb u fil-quddiesa ta' kuljum.

Ħukom fil-Qalb ta' Ġesù.

*Niskużaw ruħna li dawn is-siltiet mill-ittra ta' P. Taddew qed jidhru issa u mhux qabel.*

# Mill-ittri tal-qarrejja ...



• Qegħda nibgħatlek dawn il-bolli użati għall-missjoni. Prosit ta' **Dawl Franġiskan**. Kemm nieħu gost naqrah għax tolqtu l-gost ta' kulħadd. Jien, għalkemm għadni zgħira, tinteressani l-parti tal-missjoni. Għalhekk nitlobkom titolbu għalija biex dan l-interess fija jkompli jikber u jsir vokazzjoni. Nirringrazzjakom mill-ġdid.

*M. Sciberrras - Ħaż-Żebbuġ*

• Għalkemm qatt ma ktibt u qatt ma bgħatt kompetizzjoni, illum fettilli nibgħat it-Tisliba. Ngħidlek il-verità, it-Tisliba qatt ma kont nibgħatha għaliex kont naqta' qalbi li rrid noqgħod infittex fil-Bibbja, avolja l-Bibbja dejjem ħdejn rasi u kuljum naqbadha u noqgħod nara minnha. Imma din id-darba ddeċidejt li nqalleb u nfittex fiha t-tweġibiet. B'hekk qed insir aktar midħla tagħha.

Irrid ngħidilkom prosit u grazzi ħafna tar-rivista **Dawl Franġiskan**. Hija verament sabiħa u interessanti ħafna. Inkun ħerqana ħafna li nirċeviha, u, wara li naqraha, insellifha lil xi żgħażagħ.

Prosit tassew!

*C. Sultana - Ħaż-Żabbar*

# Teleskopju fuq il-Ħajja



minn P. William AXIAQ OFMCap.

Jekk fil-ħajja fiżika ma nistgħux ngħaddu mingħajr ħobż u ilma, hekk fil-ħajja nisranija tagħna ma nistgħux ngħixu mingħajr riflessjoni. Din neħtiġuha iżjed u iżjed meta ninqabdu f'ċertu ingranaġġ ta' idejat, modi u mġiba li xejn ma jirriflettu sens ta' ġustizzja soċjali. Se npoġġi għar-riflessjoni tiegħek tliet ħsibijiet li żgur għandek bżonnhom jew biex tikkonverti int personalment, jew biex tgħallem, jew biex tiftaħ għajnejn ħaddieħor.

## 1 SERQ SFAĊĊAT



Milhux, kien hawn ħija mill-Awstralja li hu *sub-coach* ta' timijiet tal-futbol komposti min tfal u żgħażagħ ta' Maltin f'Melbourne. Ġie hu, il-*coach* u żewġ timijiet biex jilgħabu *soccer* kontra timijiet Maltin. Fil-ftit ġimgħat li damu Malta, kienu alloġġjati f'ċerta lukanda n-naħa tat-tramuntana tal-gżira Maltija. F'ġurnata minnhom, wieħed mit-tfal kien xi ftit ma jiflaħx. Ġabulu tabib biex jarah. Dan, wara li nvistah, ma staħax iżommlu ħlas ta' Lm18. Meta ħija, b'dispjaċir fuqu, qalli dan kollu, lanqas ridt nemmen. Imma hekk hu.

Hawn ċerti proprjetarji ta' lukandi u ċerti tobba (GP) ħbieb tagħhom li moħħhom biss fil-flus. Dawn, għax mingħajr kuxjenza, qegħdin jixxalaw kontinwament minn fuq dahar it-turisti. X'irrid ngħid?

Meta turist jew turista jimirdu, il-*manager* tal-lukanda jsejjaħ lit-tali tabib li jkun daħal fi ftehim miegħu. Dan, meta jiġi msejjah u jippreżenta ruħu quddiem il-persuna marida, l-ewwel mistoqsija li jagħmlilha tkun din: "Inti nxurjat/a?" Jekk il-marid/a jgħidulu le, iżommilhom prezz moderat, imma jekk igħidulu iva, arah, bla skuplu ta' xejn, jieħu l-okkażjoni u jitħallas biz-zalza. Araw ftit x'inġustizzja soċjali din!

Dawn huma dnubiet li jgħajjtu ħaqq u vendetta quddiem Alla. Għala tisloħ persuna, iżjed u iżjed tifel, sempliċement għax taf li ser tagħmel tajjeb l-*insurance* għalih? Għala tagħmlu hekk bi ftehim bejnietkom? Biex tkompli tistagħna int bħala sid il-lukanda u tissokta ssir sinjur int bħala tabib?

Ma tindunawx li qegħdin tinqdew bil-pożizzjoni tagħkom biex issiru dejjem iżjed ħallelin u briganti? Għad tasal is-siegħa li tridu tagħtu kont ta' dan kollu. Alla tagħna huwa Alla li jaf jitħallas. Huwa Alla li jieħu f'idejh il-kawża tal-fqir u taż-żgħir.

L-awtorità li taf tajjeb li dawn l-inġustizzji qegħdin jiġru, meta se tqum fuq tagħha u tieħu azzjoni bis-serjetà? Jew ħakimha l-biża'? Għal dawn iċ-ċirkustanzi Alla għandu erba' kelmiet iebsin: "La tibżax minnhom, għax inkella nbeżżgħek jien quddiemhom" (Ġer 1, 8).

## 2 VANDALIŻMU F'ĊERTI SKEJJEL

Ftit taż-żmien ilu, dħalt f'ċentru parrokkjali l-ġmiel tiegħu. Kif kont qiegħed induru, indunajt li kien hemm ċerti *switches* imkissrin u ittri ta' ċerti skrizzjonijiet



neqsin. Staqsejt x'inhi l-biċċa, u l-persuna inkarigata qaltli li kienu ż-żgħażagħ stess li jiffrekwentaw dak iċ-ċentru li għamlu dawk il-ħsarat kollha. Dawn jagħmlu piki bejniethom min minnhom kapaċi jilħaq is-*switch* bis-sieq u jfarrku; min minnhom kapaċi jaqla' l-ittri tar-ram minn fuq il-lapida u jwaħħalhom fl-*asphalt* tat-triq, meta dan ikun irtab bix-xemx tiżreġ fuqu.

Għalliem ta' skola tani *lift*. Qalli li jgħallem fi skola teknika. Staqsejtu ż-żgħażagħ kif inhuma. B'dispjaċir fuqu qalli li ħafna minnhom huma vandali. L-għors tagħhom li jkissru t-tubu tal-klassi, il-ħġieġ tat-twieqi u l-vaski tat-*toilets*. Jien għall-ewwel ħsibtu preġudikat kontra l-istudenti, imma ma kienx il-każ.

Possibbli li qed ngħixu f'millennju ġdid, kulħadd jiftaħar kemm hu matur, anki ż-żgħażagħ, u għadna nisimgħu b'affarijiet bħal dawn li jnikktuna ħafna? Għala dan il-vandaliżmu fl-iskejjel tagħna, li tant jitolbu spejjeż matul is-sena? Dan la huwa aġir uman u lanqas nisrani. Dawn huma dnubiet li mhux suppost iħalluna kwieti fil-kuxjenza żagħżugħa tagħna.

## 3 SKUŻA FIL-KOMMA

Ġuvni ħabib tiegħi qalli li ltaqa' ma' raġel miżżewweġ u qallu dawn il-kelmiet: "Inti kalm u ma tidgħix, taf għaliex? Għax ma għandekx mara!"

L-espressjoni tikxef nuqqas kbir ta' sinċerità f'irġiel li jirraġunaw bħal dak ir-raġel. Kemm għad baqa' irġiel, almenu fil-gżejjer tagħna, li baqgħalhom ħafna preġudizzji kontra n-nisa tagħhom! Ma rridx ngħid li n-nisa miżżewġin kollha qaddisin, għax kulħadd għandu tiegħu, imma ma jfissirx b'daqshekk li l-irġiel, għax għandhom mara tgħid jew tgerger xi ftit, jew dejjem teqred għall-flus, jew għax għandha lsienha jnigges xi ftit jew tħobb tmieri, għandhom isiru nervużi u jagħtuha għad-dagħa. Fl-aħħar mill-aħħar, il-mara tagħmel x'tagħmel, qatt ma tagħti jedd lir-raġel biex jidgħi, avolja tista' tagħmlu xi ftit nervuż f'ċerti ċirkustanzi, u ttellagħhomlu.



Jekk raġel irid jaqta' darba għal dejjem id-dagħa mill-ħajja tiegħu - u jaqbillu jagħmel hekk illum qabel għada - ma jridx idaħħal f'rasu din l-ideja assurda li l-mara tiegħu derritu hekk bl-imġiba tagħha. X'uħud, għaliex iwaħħlu fin-nisa tagħhom li jidgħu meta, qabel ma żżewġu, kienu diġà vvizzjati bil-vizzju faħxi tad-dagħa? Għaliex tismagħhom jidgħu anki meta fid-dar ma jkunx hemm x'jinkwithom?

Ċerti rġiel iridu jkunu tassew subgħajhom dritt magħhom infushom, billi ma joqogħdux iġibu skużi li qed jidgħu tort tal-mara. Iridu jammettu li qed jidgħu għax iridu huma u għandhom bżonn jinbidlu fil-fehmiet ta' moħħhom (Rum 12, 2) u jsibu l-paċi tal-qalb li tagħmilhom kalmi avolja miżżewġin.

- Ġesù, żommni ħanin u rett fil professjoni tiegħi.
- Kristu Ġesù, agħmel li qatt ma nimla ż-żgħożija tiegħi bi dnubiet li jmorru kontra l-ġustizzja soċjali.
- Mulej, agħmel li qatt ma niġġustifika l-ħażen tiegħi billi nwaħħal f'ħaddieħor, speċjalment f'persuni għeżież għalija.





KENJA

# Minn Raħal għal ieħor

minn P. Hilary Abela OFMCap



***L-irħula huma nisġa li jgħaqqdu flimkien pajjiż wieħed, jagħtuh l-ilwien tal-ideat u l-ħajja li jgħixu fih in-nies. Għalkemm fil-post tinħass l-għaqda bejn in-nies, ma' dan kollu kull raħal għadu jżomm il-karatteristika tiegħu b'mod li ftit li xejn tista' tagħmel regola ġenerali li tolqot lin-nies kollha xorta waħda. Mill-ftit ta' esperjenza li għandi nista' ngħid li kull komunità ta' kull raħal trid tħares lejha b'mod differenti minn dik il-komunità ta' raħal ieħor bogħod minn xulxin b'xi ftit kilometri.***



*P. Hilary flimkien ma' membri tal-parroċċa waqt festa.*

## IR-RAĦAL

In-nies li qegħdin ngħixu magħhom ħafna minnhom huma bdiewa. Ħajjithom tiddependi mill-prodotti tal-għalqa. Il-ħobża ta' kuljum li wieħed irid jikolha bl-għaraq ta' ġbinu trid tinqasam f'mitt biċċa: għejxien, edukazzjoni ta' wliedhom, ħlas għall-mediċini u x'infiq ieħor meħtieġ għar-raba'. Biex wieħed jirnexxilu f'din il-ħajja iebsa jrid iqis mitt darba u jaqta' darba, jew aħjar ikejjel b'xiber għaqli biex ma jorqodx bil-ġuħ. Hu minnu li Alla qiegħed ma' dawn in-nies biex ma jħallihomx nieqsa mill-ġwies u frott is-sigar. Dawn in-nies ftit li xejn isibu għajnuna mill-gvern fil-bejgħ u x-xiri tal-prodotti tagħhom.

Mhux l-ewwel darba li l-ħolma tal-bdiewa għal kemxa flus mill-prodotti tal-qoton tispiċċa f'realtà ta' ftit xelini fuq palet idejhom. It-telf fil-qligħ ta' xogħolhom ħafna drabi tefagħhom mitt sena lura. Il-qalb qawwija ta' dawn in-nies iġġegħelhom jgħaddsu rashom fuq l-imgħażaq biex jerġgħu jippruvaw is-sena ta' wara.

Ħafna drabi dan il-kuraġġ li jħossu jiġi mill-ħajja li jgħixu flimkien bħal aħwa. Il-ġirien huma magħqudin b'mod li jaqsmu flimkien dak kollu li għandhom f'ħajjithom. Għal din ir-raġuni jinżamm ġieħ bejniethom u jagħmlu minn kollox biex ma tinkisirx din ir-rieda tajba ta' bejniethom.

Hu minnu li x-xitan ideffes denbu kullimkien. Mhux l-ewwel darba li xi mogħża qabżet fl-għalqa tal-ġar u gerrmitlu ż-żrigħ li jkun imħares b'għożża kbira. Il-ġlied ma jonqosx u għandu mnejn iħalli ġerħa fil-qlub għal xi żmien. Ġlied bħal dan hija l-ħajja ta' kuljum, u wieħed dejjem ra kif sewwieh biex tibqa' tinżamm l-għaqda bejniethom.

## Ħruġ mir-raħal

Il-Ħadd hu jum li wieħed jiltaqa' mal-ħbieb. Filgħodu kmieni għandek tiltaqa' ma' nies sejrin il-belt b'xi ħaġa mill-prodotti tar-raħal biex ibigħuha s-suq. Nhar ta' Ħadd wieħed jagħmel kemm jista' biex jilbes mill-aħjar; ħafna minnhom jiġu għall-quddiesa l-parroċċa u wara jibqgħu sejrin is-suq.

Is-suq m'hemmx għaġla, kulħadd jipprova jiltaqa' mal-ħbieb u jirrakkonta x'għadda minnu f'dik il-ġimgħa li kien waħdu fl-għalqa.

Okkażjoni għal xi ħarġa speċjali mir-raħal hija mezz siewi biex tgħaqqad in-nies ta' l-irħula flimkien u jħossu li huma familja waħda. Festi, laqgħat, tiġijiet u funerali huma l-aqwa żmenijiet biex in-nies tar-raħal jitħalltu ma' dawk ta' raħal ieħor.

Il-knejjes ta' l-irħula tagħna huma taħt il-ħarsien tal-Madonna jew xi qaddis partikulari. Matul is-sena ssirilhom il-festa, fejn il-Kattoliċi ta' dak ir-raħal li jagħmel il-festa jistiednu lill-Kattoliċi sħabhom biex jaqsmu flimkien dan il-ferħ qaddis.

Il-festi li jsiru hawnhekk mhux bħal dawk li nafu bihom aħna jew dawk li jsiru fl-irħula u l-ibliet Maltin. Il-festi li jsiru fil-missjoni huma sempliċi ħafna. Quddiesa f'jum il-festa mżejna b'iżjed kant mis-soltu. Wara l-quddiesa n-nies tar-raħal, flimkien mal-mistednin, jintasbu bilqiegħda f'misraħ il-knisja biex jieħdu bott tè. Hemm imbagħad jintwera ż-żfin tradizzjonali u għana ta' kull għamla. Għal dan il-briju hu mistieden kulħadd. Ma tkunx ħaġa ta' mistħija jekk maż-żeffiena nisa ssib xi erbat ixjuħ jaqbżu u jogħlew bħal li kieku baqgħalhom żmien iż-żgħożija.

Festi bħal dawn inessu lil kulħadd mix-xogħol, u kieku ma tkunx ix-xemx li tgħib minn fosthom, kieku kienu jibqgħu sejrin sakemm jgħejjew għal kollox.

Laqgħat speċjali huma mfittxija wkoll. Ħafna drabi, biex issaħħaħ ċerti għaqdiet li jibdew jiddgħajfu, ikollok tħallathom ma' oħrajn li huma msaħħin iżjed minnhom. Hekk ngħidu aħna l-għaqdiet ta' nisa nsara jħossuhom msaħħa fix-xogħol jekk iġġibilhom nisa oħra ta' l-istess għaqda minn raħal ieħor. Laqgħat bħal dawn jieħdu ġurnata sħiħa, fejn jaqsmu flimkien l-esperjenzi tagħhom bħala ommijiet tal-familja u l-ħidma magħhom fi ħdan il-knisja. Dawn il-laqgħat jispiċċaw bi plat ross b'xi biċċa laħam tiġri fil-wiċċ.

Il-ferħ li jinħass f'dawn il-laqgħat hija xi ħaġa li ma tistax tesprimiha bil-kitba imma trid tkun magħhom biex tara u tħoss bħalhom il-ferħ f'qalbek.



*P. Hilary waqt ċelebrazzjoni ta' żwieġ fil-parroċċa tiegħu.*

Il-festa ta' tieġ hija wkoll okkażjoni għal taħlita ta' nies minn irħula differenti. Din il-festa hija għalija l-waqt biex inkun naf iżjed nies l-għarus u l-għarusa. Dan jgħinni biex nifhem aħjar ir-rabta li għandhom dawn in-nies lejn xulxin.

Il-funerali huma wkoll waqtiet biex issir taf lin-nies li jiġu biex jaqsmu flimkien in-niket li jaqa' fuq nies il-mejjet jew mejta.

Dawn il-laqgħat ta' l-irħula bejniethom, minbarra li ssaħħaħ lin-nies u jagħmluhom familja waħda, jagħtuhom il-qawwa biex iħossu iżjed għal xulxin u ma jaqtgħux qalbhom fit-tbatija li jiltaqgħu magħha ta' kuljum.

Għal dawn in-nies kliem l-appostlu Pawlu lir-Rumani: "Ifirħu ma' min jifraħ u ibku ma' min jibki" (Rom 12:15) jħossuh iżjed milli nħossuh aħna. Din hija waħda mit-tagħlimiet li għallmuni kemm ilni naħdem magħhom. ❑



# Kif inhu mqassam l-Evanġelju ta' San Mattew

minn P. Martin MICALLEF OFMCap

IT-TIELET PARTI

Fil-ħarġa li għaddiet, rajna kif aktarx inkiteb l-Evanġelju ta' San Mattew. F'dan l-artiklu ser inħarsu lejn kif inhu mqassam dan l-Evanġelju. Dan jgħinna biex nifhmu aħjar l-iskop li għalih l-Evanġelista San Mattew kiteb dan l-Evanġelju.

Meta wieħed jaqra l-Evanġelju ta' San Mattew jinnota li din hija kitba ddominata minn ħames diskorsi twal imqiegħda fuq fomm Ġesù. Kull darba li Ġesù jtemm jgħid xi wieħed minn dawn id-diskorsi, San Mattew jirrimarka dejjem l-istess ħaġa, biex bħal donnu jurina li issa ser jibda taqsima ġdida fin-narrattiva li kien qed jikteb. Hekk naraw f'Mt 7:28, fl-għeluq tad-diskors tal-Muntanja: *"META TEMM ĠESÙ DAL-KLIEM, il-ġmiegħi kienu jistagħġbu bit-tagħlim tiegħu."* L-istess f'Mt 11:1 naqraw: *"META TEMM ĠESÙ jwissi t-tnax-il dixxiplu tiegħu, telaq minn hemm"* (ara wkoll Mt 13:53; Mt 19:1 u 26:1).

Il-ħames diskorsi li nsibu f'dan l-Evanġelju, jidher li huma kollha kreazzjoni ta' dan l-Evanġelista. Huwa ġabar flimkien bosta sentenzi ta' Ġesù f'ħames diskorsi separati li jiddominaw il-kitba tiegħu u li jagħtu struttura lill-Evanġelju li kiteb. Xi studjużi tal-Bibbja jqabblu dawn il-ħames blokki kbar f'dan l-Evanġelju ma' l-ewwel ħames kotba tat-Testment il-Qadim. Dan ukoll minħabba li San Mattew jippreżenta lil Ġesù bħala "Mosè l-Ġdid" li qed jieħu post Mosè li jissemma fil-kotba tat-Testment il-Qadim.

Xi studjużi oħra tal-Bibbja, iżda, huma tal-fehma li ċ-ċappetti li fuqhom tistrieħ l-istruttura ta' l-Evanġelju ta' San Mattew huma ż-żewġ versi li jirrappreżentaw żewġ mumenti importanti fl-istorja ta' Ġesù ta' Nazaret. F'Mt 4:17, meta Ġesù wasal il-Galilija u beda l-ministeru tiegħu, l-Evanġelista jgħidilna hekk: *"MINN DAK IN-NHAR, Ġesù beda jxandar u jgħid: 'Indmu għax is-Saltna tas-Smewwiet waslet."* Filwaqt li f'Mt 16:21, wara l-laqgħa li Ġesù kellu mad-dixxipli f'Ċesarija ta' Filippi, li fiha staqsiehom min jgħidu n-nies li hu Bin il-bniedem, insibu mument ieħor importanti li fih Ġesù jħabbar il-passjoni u l-mewt tiegħu. Minn dal-waqt, l-istorja tibda' miexja f'din id-direzzjoni: *"MINN DAK IN-NHAR Ġesù beda juri lid-dixxipli tiegħu li kien meħtieġ għalih li jmur Ġerusalemm, isofri ħafna ... joqtluh, u fit-tielet jum iqum."* L-espressjoni "minn dak in-nhar" (bil-Grieg: *apo tote*) turi li issa kienet bdiet fażi ġdida f'din in-narrattiva.



Iżda l-istruttura ta' l-Evanġelju ta' San Mattew hija bil-wisq aktar komplessa. Fiha nsibu varjetà kbira ta' elementi li lkoll flimkien jiffurmaw l-istorja ta' Ġesù. Hekk, per eżempju, insibu referenzi għal bosta postijiet, bħad-deżert, l-għadira tal-Galilija, il-belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm, it-Tempju, il-muntanji li jissemmew ħafna f'dan l-Evanġelju. Hemm ukoll bosta karattri li jagħtu palata lill-istorja. Jissemmew id-dixxipli ta' Ġesù, Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija, il-Maġi, il-qassisin il-kbar, il-Fariżej, is-Saduċej, il-Kittieba, ir-Rumani, il-folol, eċċ. Dawn kollha flimkien jiffurmaw l-ingredjenti ta' l-istorja kif ippreżentaha San Mattew. B'dan kollu f'moħħna, nistgħu nissuġġerixxu din l-*outline* ta' l-istruttura ta' l-Evanġelju ta' San Mattew.



**1. L-ORIĠINI TA' ĠESÙ U L-MISSJONI TIEGĦU (Mt 1:1-4:11)**

San Mattew [bħal San Luqa - imma b'differenza] jagħtina r-rakkonti tat-twelid u t-tfulija ta' Ġesù. Jippreżentalna wkoll il-laqgħa bejn Ġesù u Ġwanni l-Battista fid-deżert. Dan l-Evanġelista jagħtina wkoll it-tliet tentazzjonijiet ta' Ġesù fid-deżert bħalma jagħmel ukoll San Luqa. Id-differenza bejniethom hija li l-aħħar tentazzjoni ta' Ġesù f'San Mattew - dik ta' l-idolatrija - insibuha f'San Luqa fit-tieni post flok fl-aħħar. San Luqa jħalli għall-aħħar it-Tentazzjoni li ssir f'Ġerusalemm fuq post għoli fit-tempju, għaliex għal San Luqa, kemm it-tempju kif ukoll Ġerusalemm għandhom rwol importanti fin-narrattiva tiegħu.



**2. ĠESÙ: IL-MESSIJA QAWWI FIL-KELMA U FL-GĦEMIL (Mt 4:12-10:42)**

Minn hawn Ġesù jibda l-ħidma tiegħu fil-Galilija. Insibu x-xandir tas-Saltna tas-Smewwiet. Ta' min jinnota li San Mattew jippreferi aktar l-espressjoni "is-Saltna TAS-SMEWWIET" milli "is-Saltna TA' ALLA." Din it-tema hija waħda ta' importanza kbira għal dan l-Evanġelista, u magħha jorbot il-parabboli ta' Ġesù. Fil-kapitli 5-7 insibu l-ewwel diskors ta' Ġesù: id-diskors tal-Muntanja. Fil-kapitli 8-9 insibu mbagħad serje ta' mirakli ta' fejqan [dawn imbagħad ikomplu fil-kapitlu 15]. Fil-kapitlu 10 għandna it-tieni diskors ta' Ġesù, magħruf bħala d-diskors lid-dixxipli.



**3. IN-NIES IWIEĠBU GĦAL ĠESÙ (Mt 11:1-16-12)**

Hawn tibda fażi ġdida fl-istorja. In-nies iwieġbu għal Ġesù: xi wħud b'mod pożittiv, billi jemmnu, filwaqt li oħrajn b'mod negattiv, billi jagħmlu reżistenza lilu u lill-kelma tiegħu. Insibu wkoll serje ta' kontroversji ma' l-għedewwa ta' Ġesù (kapitli 11-12). Fil-kaptilu 13 għandna t-tielet diskors ta' Ġesù: id-diskors tal-parabboli li fih Ġesù jqabbel is-Saltna tas-Smewwiet ma' bosta affarijiet. (Aktar parabboli nsibuhom inferrxin fil-kapitli 18, 20, 21, 22, 24, 25). Fil-kapitli 14-16, imbagħad, l-Evanġelista jippreżentalna l-fidi żgħira tad-dixxipli tiegħu.

**4. IL-MIXJA LEJN ĠERUSALEMM (Mt 16:13-20:34)**

L-istqarrija ta' Pietru sservi bħala *bridge* bejn il-barka li Ġesù jagħti lill-Pietru wara li Pietru jistqarr lil Ġesù bħala l-Messija Bin Alla l-Ħaj u ċ-ċanfira li Ġesù jagħti lil Pietru wara li dan ta' l-aħħar ipprova jfixkel lil Ġesù milli jwettaq ir-rieda tal-Missier sas-salib. Minn hawn Ġesù jibda miexi lejn

*• Stampi f'paġna 11:*
*1. It-Twelid ta' Ġesù. Minjatura mill-Graduale (Sek. XVI) ta' Agostino Decio.*
*2. Ġesù jitma l-folla. Minjatura ta' Liberale (Sek. XV).*
*3. Ġesù jgħallem lid-dixxipli. Minjatura, Royal Bibl., Copenhagen.*
*• Stampa fin-nofs f'paġna 12: Minjatura mill-Messale ta' Renato D'Angiò (Sek. XV).*



Ġerusalemm. Fit-triq huwa jagħmel tliet tħabbiriet dwar il-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu. Huwa jgħallem lid-dixxipli u nsibuh jagħmel ir-raba' diskors li jitkellem fuq il-"Knisja" (bil-Grieg: *ekklesia*). Din il-kelma nsibuha biss fl-Evanġelju ta' San Mattew (Kap16 u 18). Fit-triq lejn Ġerusalemm, niltaqgħu wkoll ma' aktar konflitti ma' l-għedewwa ta' Ġesù.

### 5. L-MEWT U L-QAWMIEN (Mt 21:1-28:15)

L-aħħar ġimgħa tiegħu fuq din l-art, Ġesù għaddiha f'Ġerusalemm, il-belt il-qaddisa. Hawn lil Ġesù nsibuh fit-



Tempju jgħallem u jagħmel ħerba għaliex sab li dar missieru kienet saret "għar tal-ħallelin" (Mt 21:13). Fil-kapitli 21-22 insibu aktar kontroversji ma' l-għedewwa ta' Ġesù. Il-kapitlu 23, imbagħad, għalkemm mhuwiex meqjus bħala diskors għalih, huwa attakk iebes li Ġesù jagħmel fuq il-kittieba u l-Fariżej. Fil-kapitlu ta' wara, il-kapitlu 24, insibu l-aħħar diskors ta' Ġesù, magħruf bħala d-diskors eskatoloġiku, jiġifieri, diskors li jitkellem fuq l-aħħar jiem. Imbagħad mal-kapitlu 26, bil-ftehim kontra Ġesù, jibda r-rakkont li jeħodna direttament għall-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù.



### 6. IL-FINAL (Mt 28:1-20)

Din hija xena waħda u nsibuha biss f'dan l-Evanġelju. Minħabba li fiha San Mattew jiġbor ħafna mit-temi li diġà kien ippreżenta qabel, ħafna studjużi huma tal-fehma li din hija kompożizzjoni ta' dan l-Evanġelista. Huwa jerġa' jeħodna lura fil-Galilija fejn kien beda l-missjoni ta' Ġesù. Hawn Ġesù rxuxtat jerġa' jiltaqa' mad-dixxipli fuq "muntanja" (tema ewlenija f'dan l-Evanġelju) u jwegħedhom li kien ser jibqa' magħhom sa l-aħħar taż-żmien, filwaqt li jagħtihom tliet ordnijiet - li jagħmlu dixxipli mill-ġnus kollha; li jgħammdu fl-isem tal-Missier, ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu; u li jgħallmuhom iħarsu dak kollu li ordnalhom hu. ❑

***• Stampi f'din il-paġna:***
***4. L-istqarrija ta' Pietru u ċ-ċanfira ta' Ġesù. Minjatura.***
***5. Il-Mewt ta' Ġesù. Minjatura mill-Messale Romanum, Lucca.***
***6. It-Tlugħ tal-Mulej fis-sema. Minjatura Sek XIV, New York.***

# San Franġisk u l-penitenza

minn P. Karm BORG OFMCap

F'dan iż-żmien tar-Randan, il-Knisja, permezz tal-liturġija, qed tistedinna biex inġeddu u nsaħħu l-konverżjoni ta' qalbna lejn Alla bi tħejjija għall-akbar festa tagħha ta' l-Għid il-Kbir. Biex naslu għal din il-konverżjoni, il-Knisja tfakkarna fi kliem Ġesù stess meta qalilna: "Indmu għax is-Saltna tas-Smewwiet waslet" (Mt 4, 17).

Fil-ħajja ta' San Franġisk insibu li waqt li darba kien qed jisma' l-quddies fil-knisja tal-Porzjunkola, sema' jinqara l-Evanġelju fejn Ġesù għażel it-tnax-il appostli tiegħu u bagħathom biex ixandru s-Saltna tas-Smewwiet u l-indiema. Wara li talab lis-saċerdot biex ifissirlu aħjar dik is-silta li kien sema', l-istorja tgħidilna li "minn dak il-ħin Franġisku beda jippriedka l-indiema b'ferħ kbir" (1Cel 23). Dan għaliex l-indiema twassal għar-rikonċiljazzjoni ma' Alla, magħna nfusna, ma' l-oħrajn u mal-ħolqien kollu. L-indiema u r-rikonċiljazzjoni ma tistax tifridhom minn xulxin. Flimkien, iġibu bidla fil-qalb tagħna u jwassluna biex insiru 'ħolqien ġdid' fi Kristu.



*San Franġisk qed jibki: Santa Maria ta' l-Anġli, Assisi*

L-atti ta' penitenza li nagħmlu speċjalment f'dan iż-żmien tar-Randan, għandhom tifsira meta qed jesprimu dik il-bidla li tkun qed issir ġewwa fina b'riżultat ta' ndiema vera. Fl-istess ħin huma wkoll importanti jekk jgħinuna biex nagħmlu dik il-bidla tal-qalb. Barra minn hekk, l-atti ta' penitenza jridu jkunu għas-servizz ta' l-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu tagħna.

Dan iseħħ mhux bil-ħila tagħna iżda bil-grazzja ta' Alla. Kif jgħidilna Franġisku fil-bidu tat-Testment tiegħu: "Il-Mulej ta lili, Fra Franġisk, il-grazzja li **nibda** nagħmel penitenza ..." (Test 1). Huwa għaraf il-bidu tal-konverżjoni tiegħu bil-grazzja ta' Alla, li kellha tkompli matul ħajtu kollha b'ħajja ta' penitenza. Il-mixja tiegħu bdiet bit-tgħanniqa mal-lebbruż u ntemmet għoxrin sena wara b'tgħanniqa oħra ma' 'oħtu l-mewt', fejn ġab fit-tmiem il-konverżjoni tiegħu. Din il-konverżjoni, din il-bidla tal-qalb, kienet għalih proċess matul ħajtu kollha. Tant, li fit-tmiem ta' ħajtu, naraw lil Franġisku għadu qiegħed jinkoraġġixxi lil ħutu b'dan il-kliem: "Ejjew, ħuti, nibdew inservu lil Mulej Alla, għax s'issa ftit għamilna progress jew kważi m'għamilna xejn" (1 Cel 103).

San Franġisk mhux biss għex ħajja ta' penitenza iżda ried ukoll lin-nies jagħmlu l-istess. Darba waħda, lil sitta minn ħutu, wara li ġabarhom flimkien ħdejn il-knisja tal-Porzjunkola, biex jibgħathom jippridkaw, qalilhom: "Għeżież ħuti, ejjew inqisu sewwa s-sejħa tagħna, u kif Alla, fl-imħabba kbira tiegħu, sejħilna mhux għas-salvazzjoni tagħna, iżda wkoll għas-salvazzjoni ta' ħafna. Għalhekk għandna mmorru fid-dinja nħeġġu lil kulħadd, aktar bl-eżempju tagħna milli bil-kliem, biex jagħmlu penitenza għal dnubiethom, u jgħixu billi jżommu f'moħħhom il-kmandamenti ta' Alla."

Qatt m'hu tard f'ħajjitna li nibdew nieħdu bis-serjetà l-istedina għall-indiema u l-penitenza li qed tagħmlilna l-Knisja f'dan iż-żmien tar-Randan. Jekk nagħmlu hekk, żgur li l-Mulej jagħtina s-sliem. ❑

# SAN FRANĠISK FL-ARTI
# Monumenti u Statwi

IT-TIELET PARTI

minn P. Martin MICALLEF OFMCap

***F'din it-tielet parti ta' din is-serje, ser nippreżentaw xi wħud mill-ħafna statwi ta' San Franġisk t'Assisi li jinsabu fi knejjes u mużewijiet barra minn Malta.***







**1.** Waħda mill-istatwi sbieħ ta' San Franġisk hija dik li nsibu fis-Santwarju ta' *La Verna*, fl-Italja, il-post li fih il-Qaddis t'Assisi rċieva l-pjagi. L-istatwa hija xogħol ta' Giovanni Collina Graziani. Hija turi lill-Fqajjar t'Assisi bilqiegħda, bil-pjagi f'idejh u f'riġlejh u bil-kustat minfud. Idu x-xellugija qed isserraħ fuq il-ktieb ta' l-Evanġelju li jinsab fuq ras ta' mewt. Fuq in-naħa tax-xellug tiegħu, imbagħad, hemm zokk b'falkun fuqu.

L-istatwa tfakkar ir-rakkont ta' meta l-qaddis wasal fl-eremitaġġ ta' *La Verna* biex isum għall-festa ta' San Mikiel Arkanġlu. Sakemm dam hemmhekk, falkun, li kellu l-bejta tiegħu f'dawk l-inħawi, kien sar ħabib kbir ta' San Franġisk u kien iqajjem lill-qaddis fqajjar bil-lejl bl-għana tiegħu biex bħas-soltu San Franġisk ikun jista' jqum bil-lejl biex jitlob. San Franġisk kien ferħan ħafna b'dan għaliex il-falkun ma kienx iħallilu żmien biex jitgħażżen. Iżda meta l-falkun kien jinduna li l-fqajjar t'Assisi kellu bżonn jistrieħ aktar mis-soltu, il-falkun kien jitħassru u ma kienx iqajmu daqshekk kmieni (Leġġenda Maġġuri VIII n.10).

**2.** Statwa oħra ta' San Franġisk insibuha fil-*Museo Nacional de Escultura* f'Valladolid fi Spanja. L-istatwa hija tas-Seklu XVIII u l-iskultur tagħha huwa anonimu. Hija turi lil San Franġisk bilwieqfa, bil-kapoċċ f'rasu u b'ħarstu fissa lejn is-sema. Fuq in-naħa tax-xellug tidher in-nifda tal-kustat.

3. Statwa kontemporanja tal-Fqajjar t'Assisi hija dik li nsibu fis-Santwarju ta' Santa Katerina ġewwa Siena, l-Italja. Din l-istatwa, kif ukoll dik ta' Santa Katerina, kif jidhru fl-istampa, huma xogħol ta' Marcello Neri u nħadmu fl-1989 biex ifakkru l-50 sena (1939-1989) minn meta l-Papa Piju XII ħatar lil San Franġisk t'Assisi u lil Santa Katerina ta' Siena Patruni ta' l-Italja. Hekk tgħid il-kitba li hemm imnaqqxa fuq il-pedestal ta' dawn iż-żewġ statwi. L-istatwa ta' San Franġisk tippreżentah b'fergħa taż-żebbuġ - simbolu tal-paċi - f'idejh il-leminija, filwaqt li f'idu x-xellugija - li hija maħruġa 'l barra - jidhru l-marki tal-pjagi.







**4.** Statwa oħra sabiħa li qed nippreżentaw biss dettal minnha *(fuq il-lemin)* hija xogħol ta' Pedro de Mena. Din l-istatwa tinsab fil-belt ta' Barcellona fi Spanja. L-istatwa turi lil San Franġisk bil-kapoċċ imlibbes f'rasu u bil-kustat minfud.

**5.** L-aħħar statwa f'dan in-numru *(xellug)* hija dik li nsibuha mill-ġdid fil-*Museo Nacional De Escultura,* f'Valladolid, fi Spanja. L-istatwa hija attribwita lil Pedro de Mena u nħadmet fl-1678. Hija turi lill-qaddis t'Assisi wieqaf, liebes il-libsa tal-penitenza b'riġlejh il-leminija ħierġa 'l barra mil-libsa. Il-qaddis li hu liebes il-kapoċċ f'rasu nsibuh mill-ġdid iħares 'il fuq lejn dak li ħalqu. ❑



## Il-Knisja f'Kuba matul is-Seklu XX

# L-Ewwel Perjodu: 1900 - 1959

minn P. Philip Cutajar OFMCap

### IT-TIELET PARTI

Il-Knisja f'Kuba matul is-seklu XX ma qagħdietx lura milli tinvolvi lilha nfisha f'ħidmiet ta' għajnuniet fuq livell soċjali-sanitarju. F'dan il-qasam hija bniet l-Isptar "San Vincente De Paula" f'Habana u dak ta' "Colonia Espanola" f'Santiago de Cuba, il-lebbrosarju ta' Rincon, l-isptar ġenerali San Rafaele, l-isptar mentali San Juan De Dios. Ma' dawn l-isptarijiet mibnija u mmexija mill-Knisja Kattolika f'Kuba, il-maġġoranza tal-parroċċi kellhom ukoll il-klinika tagħhom - klinika parrokkjali (bħalma huma l-kliniċi tal-gvern li għadna f'Malta) immexxija mill-kappillan u l-kleru tal-parroċċa bl-għajnuna ta' nies kwalifikati, sabiex tgħin lill-morda u lill-anzjani tal-parroċċa, speċjalment f'dawk il-parroċċi fejn ma kienx hemm xi tip ta' sptar fil-qrib. Ma' dawn il-ħidmiet pastorali fuq livell ta' saħħa, il-Knisja f'Kuba kellha wkoll diversi Djar għall-Anzjani u Djar għat-Tfal Iltiema. Kważi kull parroċċa kellha l-orfanatrofju tagħha.

Nhar l-24 ta' Diċembru tas-sena 1945 Kuba kellha l-ewwel Kardinal tagħha fil-persuna ta' Mons. Manuel Arteaga y Betancourt.

Il-Knisja matul iż-żmien ta' qabel ir-rivoluzzjoni soċjalista kienet preżenti wkoll fil-qasam tal-Komunikazzjoni Soċjali. Permezz tal-Franġiskani kienet tiġi ppubblikata r-rivista *Seminario Catòlico*, li aktar 'il quddiem bidlet isimha f'*La Quincena*. Il-promutur ta' din ir-rivista kien Padre Ignacio Biain. Kienet rivista li jekk illum wieħed imur iqalleb il-paġni



*Lemin: Il-mexxeh Fidel Castro.*

*Fuq: Il-knisja tal-Kapuċċini f'Havana li ġiet miftuħa f'Mejju ta' l-1953.*

tagħha jiskopri l-problemi tal-pajjiż matul dak iż-żmien. Għalkemm il-Knisja f'Kuba qatt ma kellha r-radju tagħha, però hija kellha kull libertà u aċċess li twassal il-messaġġ tagħha f'ħinijiet determinati ta' programmi reliġjużi fuq kull stazzjon tar-radju eżistenti fil-pajjiż. L-istess nistgħu ngħidu għat-televiżjoni. Fuq it-televiżjoni kienet ukoll tiġi trasmessa l-Quddiesa ta' kull nhar ta' Ħadd.

Huwa evidenti li l-Knisja Kattolika f'Kuba, matul l-ewwel sittin sena tas-seklu XX, kellha sehem qawwi u kienet tgawdi preżenza ferm attiva fil-ħajja tan-nazzjon. Din il-preżenza kienet attiva mhux biss fuq livell pastorali u spiritwali imma anke għall-fatt li ħafna mil-lajċi Kattoliċi kienu nvoluti fil-politika qabel id-dittatura ta' Fulgencio Battista (1952-59). Il-Knisja rnexxielha tagħti formazzjoni etika u soċjali lil ħafna żgħażagħ li 'il quddiem kellhom sehem attiv fil-ħajja politika tal-pajjiż, speċjalment fil-ġlieda kontra t-

tmexxija tad-dittatur Fulgencio Battista; żgħażagħ li kienu protoganisti fil-mixja lejn ir-rivoluzzjoni li kienet neċessarja fil-ħsieb u l-intenzjoni oriġinali tagħha. Fost dawn iż-żgħażagħ ta' min isemmi lil José Antonio Echeverria, Imma Chui, Pepito Tey, Sergio Gonzalez, Marcelo Salado u Cuqui Bosh.



Fis-sena 1953, kien l-Arċisqof ta' Santiago de Cuba: Mons Enrlque Serantes li ndaħal sabiex isalva l-ħajja taż-żgħażagħ li kienu nvoluti fl-attakk tal-kwartier ta' Moncada f'tentattiv ħalli jwaqqgħu lil Battista u jagħtu bidu għar-rivoluzzjoni. Fost dawn iż-żgħażagħ kien hemm ukoll Fidel Castro. U kien l-Isqof ta' Matanza, Mons. Alberto Martin Villaverde, li fis-sena 1958 talab uffiċjalment lil Fulgenzio Battista ħalli jirriżenja mill-poter ta' dittatur. Fost oħrajn kien hemm ukoll tmien saċerdoti li, bħala kappillani, issieħbu maż-żgħażagħ ribelli fil-ġlieda tagħhom għall-waqgħa tad-dittatura u l-bidu tar-rivoluzzjoni għall-ħelsien totali ta' Kuba mill-imperjaliżmu Amerikan. Fil-25 ta' Frar tas-sena 1958, meta ż-żgħażagħ ribelli, magħqudin bħala "moviment rivoluzzjonarju" taħt it-tmexxija ta' l-avukat Fidel Castro u t-tabib Ernesto Che Guevara kienu qegħdin iwettqu diversi attakki ħalli jakkwistaw it-tmexxija tal-pajjiż f'idejhom, l-isqfijiet flimkien ippubblikaw Ittra Pastorali fejn appellaw għall-paċi, filwaqt li mill-ġdid ippreżentaw il-proposta tagħhom sabiex Fulgencio Battista jitlaq il-ħakma minn idejh u jitwaqqaf gvern nazzjonali proviżorju li jaħdem għall-għaqda u r-rikonċiljazzjoni fil-pajjiż. ❑






*Ir-rivoluzzjonarju Ernesto Che Guevara u fuq ix-xellug jidher il-Memorjal li nbena għalih f'Havana.*

*Fuq nett jidher Fr. Philip flimkien ma' wħud mill-parruċċani ta' Sant'Ana.*

**Fr. Philip Cutajar OFMCap**
Parroquia La Pastora
C/Sindico, 4 entre Cuba y Villuendas
50100 Santa Clara (Villa clara) - CUBA
Tel: 0053 422 206 554 • Fax: 00530 422 208 032
• E-Mail: dei@cocc.co.cu

## Qaddis u 17-il Beatu Kapuċċin ġdid


*Beatu Injazju minn Santhià*

Fl-ewwel ġimgħa ta' din is-sena l-Vatikan ħabbar li l-Beatu Injazju minn Santhià (Vercelli), li l-Papa Pawlu VI kien iddikjarah beatu fis-17 ta' April 1966, ser isir qaddis. Id-data tal-kanonizzazzjoni għada mhix magħrufa. Barra minn dan, il-Papa Ġwanni Pawlu II, nhar il-Ħadd 11 ta' Marzu 2001, ser jibbeatifika 240 martri tar-rivoluzzjoni Spanjola tal-1936. Hija l-ewwel beatifikazzjoni ta' numru hekk kbir. Fost dawn il-martri hemm 12-il Patri Kapuċċin u 5 Sorijiet Kapuċċini Klarissi.

P. Aurelio de Vinalesa u ħdax oħra sħabu, ilkoll Kapuċċini, u Sor Marìa Jesùs Masià Ferragut u erba' sħabha oħra Klarissi Kapuċċini, baqgħu sħaħ għas-sejħa tagħhom fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali minkejja l-persekuzzjoni qalila li kien hemm fi Spanja kontra l-Knisja u l-membri tagħha matul il-gwerra ċivili. Huma ġew ikkundannati għall-mewt mhux għax kienu involuti politikament jew għax għamlu xi deni lil xi ħadd, iżda l-unika akkuża kienet li, bil-professjoni reliġjuza u bil-konsagrazzjoni saċerdotali tagħhom, kienu dixxipli ta' Kristu u membri ħajjin fil-Knisja. Dawn il-martri kollha huma ż-żerriegħa li tagħti l-frott fil-Knisja: "Jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott. Min iħobb lil ħajtu jitlifha; imma min jobgħod lil ħajtu f'din id-dinja jħarisha għall-ħajja ta' dejjem" (Ġw 12, 24-25).

## POSTULANTI ĠODDA

Nhar it-Tlieta, 6 ta' Frar 2001, żewġ żgħażagħ, Edward Camilleri ta' 20 sena miż-zona pastorali Santa Marija f'Birkirkara, u Ivan Vella ta' 19-il sena mill-parroċċa ta' Kristu Re, ir-Raħal Ġdid, bdew iż-żmien tal-postulandat fil-kunvent tal-Kalkara. Il-postulandat huwa żmien li fih, min iħossu msejjaħ għall-ħajja reliġjuża, jgħix fi fraternità biex jagħraf aħjar is-sejħa tiegħu. Nawguraw lil dawn ħutna żgħażagħ biex jissoktaw iwieġbu għas-sejħa li qed jagħmlilhom il-Mulej. Nitolbu għalihom.

## Vokazzjonijiet fil-Kenja



Matul l-ewwel xahar ta' din is-sena, uħud minn fost iż-żgħażagħ Kapuċċini Kenjani, li għadhom qed iħejju biex isiru saċerdoti, għamlu pass ieħor 'il quddiem fil-formazzjoni tagħhom.

Fit-13 ta' Jannar erba' żgħażagħ, Bros. Michael Chege Thinguri, Joseph Karau Mburu, Simon Chege Gichuki u John Nzeki Mutuku, bdew is-sena tan-novizzjat. L-għada, 14 ta' Jannar Bro. Dennis Mogaka spiċċa n-novizzjat u għamel l-ewwel professjoni tiegħu. Fis-27 ta' l-istess xhar Bros. Moses Mwangi, Caesar Gichuci u Gabriel Kyalo għamlu l-professjoni solenni tagħhom. Lil dawn ħutna, kif ukoll lil sħabhom l-oħra nawgurawlhom kull barka fil-ħajja reliġjuża tagħhom u nitolbu 'l Alla jkompli jsejjaħ aktar vokazzjonijiet fil-missjoni.



# Id-Definitur Ġenerali jżur il-Provinċja Kapuċċina Maltija

Huna John Bednarik, li fil-Kapitlu Ġenerali ta' Ġunju-Lulju li għadda ġie maħtur bħala d-Definitur Ġenerali għall-Aħwa Kapuċċini ta' l-ilsien Ingliż, li aħna hawn Malta nagħmlu parti minnhom, kien fostna għall-ewwel żjara tiegħu. Kemm dam Malta, mill-1 sas-6 ta' Frar 2001, huwa żar il-kunventi tagħna u ltaqa' ma' kważi l-Aħwa kollha tal-provinċja li hawn f'Malta.



P. William Axiaq OFMCap.

## Delegat ta' l-Arċisqof għall-Ħajja Kkonsagrata

Mons. Arċisqof għoġbu jaħtar lil Patri William Axiaq bħala d-Delegat tiegħu għall-Ħajja Kkonsagrata. Dan l-uffiċċju ġdid għal P. William jikkonsisti filli hu jkun għad-dispożizzjoni tar-reliġjużi ħalli l-ħajja reliġjuża, klawstrali, konventwali u anke fost l-Istitut Sekulari tgħaddi 'l quddiem umanament, spiritwalment, komunitarjament u appostolikament.

Filwaqt li rroddu ħajr lil P. William li laqa' dan il-ministeru ta' qadi, nawgurawlu f'din il-ħidma u nitolbu għalih.

## Xahar ma' Marija ta' Nażaret




Il-Provinċja Kapuċċina Maltija għadha kemm ħarġet żewġ *cassettes* bl-isem "Xahar ma' Marija ta' Nażaret" ippreparati minn Patri William Axiaq. Dawn jiġbru fihom wieħed u tletin ħsieb fuq l-Imqaddsa Marija fuq sfond mużikali u kant bejn riflessjoni u oħra. Huma adattati ħafna bħala għajnuna pastorali għax-xhur ta' Mejju u Ottubru, għal laqgħat ta' talb u meditazzjoni, għal ħin ta' kwiet weħidna, għal ġabra waqt l-ikel fi ġranet ta' rtiri, u għal klassijiet tal-katekiżmu bi spjega. Jinxtraw mill-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana, minn *Preca Bookshop* u mingħand P. William innifsu, Kalkara, tel. 825724, għall-prezz ta' Lm3.

## TE DEUM (It-tieni edizzjoni) minn P. Anton Briffa OFM Cap.




F'inqas minn xahar, għandna f'idejna it-tieni edizzjoni ta' TE DEUM.

P. Anton Briffa, studjuż magħruf fil-qasam tal-mużika sagra, qed jagħtina għal darb'oħra din il-biċċa xogħol mużikali fejn fiha armonizza u ssettja mużikalment l-innu liturġiku ta' tifħir: it-TE DEUM. Fiha jagħtina tagħrif dwar l-istorja ta' dan l-innu: kif u mnejn inbeda, kif jitkanta f'Malta u d-differenzi li fih ma' l-edizzjoni vatikana. Il-parti mużikali tinkludi mużika għall-orgni flimkien mal-parti li titkanta mill-ġemgħa jew mill-kor. Il-format tiegħu huwa maħsub biex jolqot udjenza kemm jista' jkun wiesgħa. Fuq kollox huwa prodott li jolqot l-għajn; nittamaw li jkompli jolqot anke l-qalb.

B'din il-pubblikazzjoni, P. Briffa, minbarra li qed joffri servizz lill-organisti, lill-mużiċisti, lill-korijiet parrokkjali u lill-ġemgħa, għandu jservi wkoll biex iċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija tkun aktar ħajja.



# Ħadd għajr Franġisku

L-EWWEL PARTI

*minn P. Frans ABELA GIUSTI OFMCap.*

## Mgħallem Speċjali

Billi dejjem żammejna lil San Franġisk bi bniedem mill-iżjed umli, żgur li jħawwadna kieku kellna nisimgħuh jippreżenta ruħu quddiemna bħala l-mexxej li ma hawnx bħalu! Kliem San Franġisk: "Għall-ġid ta' ħuti, ma nixtieqx illi, sakemm immut, ikollhom ministru ieħor ħliefi" (Leġġenda Peruġina). U kellu raġun, tafux, jgħid hekk. Veru li biex tkun mexxej jeħtieġ ikollok ċerti kwalifiki. Infatti min jixtieq jitgħallem xi lingwa, xi sengħa, xi arti jew xi jieħu professjoni, dawn kollha ifittixhom mingħand nies mgħallmin u ta' esperjenza. Però, f'każ ta' min irid isir midħla mal-ħwejjeġ tar-ruħ, ħafna huma tal-fehma li ma hemmx bżonn ta' l-għajnuna ta' ħaddieħor. Uħud huma konvinti li biżżejjed wieħed jaqra l-Evanġelju u jfissru skond id-dawl li jagħtih l-Ispirtu s-Santu. L-iebes però hu meta niġu biex napplikaw l-Evanġelju għall-ħajja personali u privata tagħna.

U f'dal-każ San Franġisk, għalkemm kien iqis ruħu bħala bniedem illitterat u nieqes mill-kultura, xorta waħda kien tassew surmast u għaref kbir billi, flok bidel l-Evanġelju f'xi qasam ta' studju profond, għexu mill-għeruq. Altru li r-relazzjoni tiegħu ma' l-Evanġelju kienet unika! U dan għax l-ewwel ipprova jifhmu sew hu ħalli mbagħad għadda biex iwettaq il-messaġġ moħbi ġo fih, kif jgħid tajjeb l-ewwel biografu tiegħu: "Ix-xewqa ħerqana li kellu kienet dik li jħares bir-reqqa l-Evanġelju wara li f'qalbu kien ikun jixtarr it-tagħlim u l-eżempji sbieħ tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu" (1 Celano).



*San Franġisk: Affresk fl-Bażilka ta' Assisi*

Il-frott li kiseb b'dal-metodu kien għalih aqwa minn kull studju profond ta' teoloġija biblika.

## Fissier tal-Bibbja

Ħalli ndawwal dan l-argument b'episodju tipiku li żgur iġiegħel jitbissem lill-qarrej ta' dan l-artiklu. Darba waħda, meta Franġisku kien jinsab ġewwa Siena, mar iżuru patri Dumnikan, duttur fit-teoloġija u bniedem spiritwali ħafna, li talbu jispjegalu dis-silta mill-Profeta Eżekjel: "Jekk inti ma twiddibx il-ħażin biex jerġa' lura minn triqtu l-ħażina ħalli hu jgħix, u dan imut minħabba ħżunitu, jien minn idejk infittex demmu" (Eż 3, 18). Għalkemm San Franġisk ħassu mbarazzat biex iwieġbu għax kien konxju mil-limitazzjoni duttrinali tiegħu, xorta waħda tah risposta b'dal-kliem: "F'sens wiesa' jien nifhimha hekk. Il-ħrara ta' ħajja qaddisa tal-qaddej ta' Alla tkun biżżejjed biex iċċanfar lill-ħżiena bl-eżempji ta' ħajja mseddqa li tperreċ ma' kullimkien. B'dal-mod, il-ġmiel u r-riħa tfuħ ta' qdusithom, idaħħal lill-ħżiena fihom infushom u turihom it-triq żbaljata li qabdu." Dak il-Dumnikan, li xtaq jisma' minn fomm Franġisku t-tifsira tat-test bibliku msemmi, baqa' tant mgħaġġeb li lil sħab Franġisku qalilhom hekk: "L-aħwa, it-teoloġija ta' dal-bniedem, imwieżna mis-safa u l-kontemplazzjoni, kapaċi togħla 'l fuq daqs ajkla, filwaqt li għerfna jitkaxkar ma' l-art" (2 Celano). ❑

# L-Internet fil-ħajja tal-lum



**minn James Mallia Gi.Fra.**

Il-lum il-ġurnata nsibu ħafna mezzi differenti ta' komunikazzjoni: hemm it-televiżjoni, ir-radju, il-gazzetti, u oħrajn, imma l-iktar wieħed popolari fiż-żmien tal-lum huwa l-famuż internet. Dan l-internet tista' tgħid li ġennen lil ħafna nies, fis-sens li prattikament tista' ġġib kull tip ta' informazzjoni li għandek bżonn kemm mill-imgħoddi kif ukoll dik l-aktar reċenti bħalma huma aħbarijiet u anki affarijiet biex jgħinuk tagħmel riċerka. Hemm it-tajjeb u l-ħażin fih bħalma hemm fi kwalinkwe ħaġa oħra.

L-iktar ħaġa li tista' tagħmel ħsara lit-tfal fl-użu ta' l-internet hija l-pornografija. Tant sar faċli li ssib affarijiet pornografiċi li bir-raġun diversi ġenituri jinsabu mħassbin. Iżda jeżisti *software "cyber patrol"* li bih il-ġenituri jistgħu jikkontrollaw x'jistgħu jaraw uliedhom.

Din hija waħda mill-aktar affarijiet li jista' jagħmel ħsara l-internet, mhux biss lit-tfal. Min-naħa l-oħra, hemm is-sabiħ tiegħu: il-komunikazzjoni. Permezz ta' l-internet tista' titkellem ma' nies oħrajn kemm minn Malta stess kif ukoll mid-dinja kollha. Dan iċ-*chat* jikkonsisti billi inti tikteb u jiktbulek lura dak il-ħin stess. Permezz tal-*MIRC* u l-*IRQ*, illum il-ġurnata, nistgħu nużaw il-*microphone* u l-*ispeakers* tal-*computer* biex nitkellmu ma' persuni oħra.

L-internet fih ukoll il-posta elettronika, l-*email*, li permezz tagħha tibgħat ittra u fi ftit minuti tasal u jirrispondi lura. Fejn qabel, biex tibgħat ittra l-Ingilterra trid tistenna aktar minn ġimgħa għar-risposta, bl-*email* tinqeda bil-wisq akar malajr.

Fuq l-internet nistgħu noħolqu *homepages* li bihom nagħtu tagħrif fuqna u fuq il-ħidma tagħna, kif ukoll infittxu informazzjoni li jkollna bżonn mingħand xi ditta partikulari.

L-internet tant daħal fil-ħajja tal-lum li għal ċerti affarijiet sirna kważi niddependu għal kollox minnu. Peress li l-ħajja tal-lum hija mgħaġġla ħafna, u bl-internet saret aktar, tajjeb li noqogħdu attenti biex, filwaqt li nużaw dan il-mezz hekk qawwi ta' komunikazzjoni, ma nħalluh qatt jaljenana bir-riskju li ma nagħtux kas biżżejjed lill-persuni li jgħixu madwarna. ❑




STEDINA

Jekk int żagħżugħ/a bejn 16 u 30 sena u tixtieq tibda tagħmel parti minn fraternità ta' żgħażagħ, din hi proprju l-opportunità għalik.

FEJN? Ċentru Kultura Franġiskana, Floriana (ħdejn i-knisja tal-Kapuċċini)

META? It-Tnejn u l-Ħamis mis-6pm sad-9pm

X'IKUN HEMM? Laqgħat ta' formazzjoni u informazzjoni. Logħob u divertiment. Social work.

Għal aktar tagħrif ċempel lil Bro. Vincent Axiaq fuq 234949 / 225525 jew Anthony Fitzpatrick 0948 6790

minn P. William AXIAQ OFMCap

*Father,*

Jiena mara miżżewġa u għandi tifla waħda li ilha seba' snin li żżewġet. Bqajt iffissata fuq binti, u dejjem moħħi fiha. Ir-raġel tagħha, minflok jirringrazzjani li għadni ninteressa ruħi f'binti, li llum hija l-mara tiegħu, qiegħed isostni li b'imġibti qiegħed nagħmlu nervuż u qiegħda ntelliflu l-paċi. Dan qed jiġri għax jien lil binti noqgħod nagħmlilha ċerti mistoqsijiet dwar meta se jaħsbu għat-tfal, fejn marru fil-*week-end*, fejn kienet meta ċempiltilha diversi drabi matul il-ġurnata u ma sibthiex...

Min minna t-tnejn għandu raġun: ir-raġel ta' binti (ġbini), li jħoss li qed nindaħlilhom, jew jien li, għax naf inħobb, għadu jimpurtani minn binti l-għażiża u l-familja tagħha?

L-ittra tiegħek tirrifletti ħafna l-mentalità ta' ħafna ommijiet Maltin li, x'aktarx, issibhom fl-irħula tagħna. Dawn ma jistgħux jifhmu, jew aħjar, ma jridux iniżżluha li binthom jew binhom, ġaladarba żżewġu, ma għadhomx tagħhom, u mhux suppost joqogħdu jinvaduhom b'ċerti mistoqsijiet, imma għandhom iħalluhom bi kwiethom jagħmlu ħajjithom, jekk iriduhom jikbru fil-ħajja li daħlu għaliha.

L-atteġġjament tiegħek, ippermettili ngħidlek, jirrifletti omm invadenti, li qiegħeda ddaħħal imneħirha fejn ma għandhiex dritt tagħmel hekk. Jiena nifhem li dak li qed tagħmel qiegħeda tagħmlu b'intenzjoni tajba ħafna, iżda b'daqshekk m'intiex iġġus-tifikata. Ir-raġel ta' bintek, li jidher li jaf l-affarijiet tiegħu, għandu raġun iħossu nnervjat bl-imġiba tiegħek. Il-mara tiegħu, li hi bintek ukoll, ma għandhiex tkompli tiddependi minn ommha, iżjed u iżjed issa li żżewġet. Jekk trid li ma jinqalax inkwiet, trid tkun għaqlija biżżejjed u ma toqgħodx tagħmel ħafna mistoqsijiet li jistgħu jirrif-



lettu nuqqas ta' edukazzjoni u *etiquette*.

Nammetti li tixtieq issir nanna, imma din ix-xewqa ma tistax timponiha indirettament fuq bintek, billi toqgħod tistaqsiha ta' spiss meta se jaħsbu għat-tfal.

Din mhux biċċa tiegħek. Lanqas jaqbillek toqgħod tagħmel ħafna telefonati lit-tifla, iżjed u iżjed meta taf li r-raġel tagħha mhux kuntent b'dan kollu. Huma għandhom dritt imorru fejn iridu bla ħadd ma joqgħod jagħmlilhom ħafna mistoqsijiet.

Qed inkellmek hekk għax irridlek il-ġid u għax smajt ħafna każijiet bħal tiegħek li tgħidx kemm ġabu inkwiet f'ċerti familji.

S'intendi, dan ma jfissirx li inti għandek tkun indifferenti għal kollox lejn bintek. Xejn minn dan. Dak li għandek tagħmel hu li tkun taf sa fejn għandek tasal magħha, iżjed u iżjed jekk din hi l-unika wild li kellkom.

Naħseb li weġibt għad-domanda tiegħek. Bl-umiltà kollha trid tammetti li ġbinek għandu raġun biex ibiegħ fil-każ tagħkom. ❑



# Tifkira ta'
# Patri Anton V. Azzopardi OFMCap
## 16.06.1925 - 02.01.2001

*minn P. Franġisku AZZOPARDI OFMCap*

***Il-Provinċja tagħna bdiet it-Tielet Millennju bit-telfa għal għarrieda ta' wieħed mill-membri tagħha P. Anton V. Azzopardi, li ġrat qrib Napli, l-Italja, fit-2 ta' Jannar 2001 għal ħabta ta' l-4.15 p.m. Fil-fatt P. Anton kien għadu kif niżel mit-train li wasslu sa Ercolano, fejn kien sejjer iżur lill-familja tat-tabib Dott. Bibiano, miżżewweġ lil Monica, imwielda Azzopardi mill-Furjana. Kif wasal quddiem id-dar tagħhom, iltaqa' ħabta u sabta ma' oħtna l-mewt. Bla telf ta' żmien ġie meħud fl-Isptar "Maresca" f'Torre del Greco, fejn it-tobba stqarrew li ma kellu ebda sinjal ta' ħajja.***





*Ritratt fuq: P. Anton (bil-wieqfa) ħdejn ħuh P. Mario.*

*Lemin: Il-familja ta' P. Anton flimkien ma' P. Feliċ Sultana OFMCap u P. Anton Spiteri OP.*

### Żewġ Funerali

Fil-5 ta' Jannar 2001, fl-4.00 pm. saret Quddiesa konċelebrata għal ruħu fil-knisja ta' Sant' Eframo Vecchio, immexxija minn P. Crescenzo Raucci, Ministru Provinċjal ta' Napli, assistit minn P. Gabriele Russo, Gwardjan tal-Fraternità ta' Sant'Eframo, u minn P. Joe Alessandro, Vigarju Provinċjali, li mar jirrappreżenta lill-Aħwa Kapuċċini Maltin. F'dik il-quddiesa ħadu sehem madwar 20 Kapuċċin mill-Provinċja Naplitana. Qabel spiċċat il-quddiesa, P. Joe qara t-Testment Spiritwali li P. Anton kien kiteb fit-13 ta' Ġunju 2000, fejn wera x-xewqa li jindifen f'Malta. Fost il-ħafna Maltin ta' Napli bil-familji tagħhom, kien hemm in-neputija ta' P. Anton, Marthese u żewġha Nino Lentini. Preżenti wkoll kien hemm il-Konslu Ġenerali ta' Malta f'Napli, Dott. Michele di Gianni li temm il-funzjoni b'kelmtejn ta' ringrazzjament lil P. Anton li tiegħu kien ħabib kbir.

Il-katavru ta' P. Anton inġieb Malta minn Napli nhar il-Ħadd 7 ta' Jannar 2001. L-għada sarlu funeral ieħor b'Quddiesa Kkonċelebrata fil-knisja parrokkjali tat-Trinità Mqaddsa, il-Marsa, fis-2.30 p.m. Kienet koinċidenza tajba li l-funeral sar fl-istess knisja fejn P. Anton kien ġie mgħammed, u wkoll fejn iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu. Il-Quddiesa tal-funeral, b'aktar minn 60 konċelebrant, ġiet immexxija mill-Provinċjal P. Crispin Tabone, assistit minn P. Manwel Abela, Kappillan u Gwardjan, u P. Charles Bugelli, prokuratur tal-knisja. Il-knisja kienet maħnuqa bin-nies, fosthom ħuh P. Mario, Kapuċċin, oħtu Carmela u żewġha Carmelo Muscat b'uliedhom, flimkien ma' qraba u ħbieb tiegħu. Waqt l-omelija, il-Provinċjal P. Crispin Tabone, pitter bi lwien leqqiena il-figura ta' P. Anton b'dan il-kliem: "P. Anton kellu dehra li timpressjona, dejjem għaddej minn nofs it-triq, biċ-ċoqqa u s-sandli u l-leħja, ifittex in-nies biex jimliehom bil-ħeġġa li kellu għat-talb fi Gruppi tal-Beatu Piju ... Ma kienx biss iħajjar lin-nies għat-talb, iżda hu jitlob kien fil-Kor kuljum ... u jitlob kien meta għaddej mis-swali ta' l-isptar ... Jgħaddi ferħan u daħqan, isabbar lill-morda li fihom kien jara lil Kristu batut,



*Xellug:*
*Id-djkanu P. Anton flimkien ma' sħabu P. Kornelju, P. Raniero, P. Pawl u P. Franġisku.*

*Lemin:*
*Ommu Marianna tbus idejn P. Anton fl-Ewwel Quddiesa Solenni.*

*Isfel:*
*P. Anton fl-okkażjoni tal-25 sena Saċerdot.*



bil-qawwa ta' l-Evanġelju ... " Il-funeral intemm bid-difna tiegħu f'wieħed mill-oqbra tal-Provinċja fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid.

## Jidħol mal-Kapuċċini

P. Anton twieled il-Marsa fis-16 ta' Ġunju 1926 u ġie mgħammed fl-20 ta' l-istess xahar bl-isem ta' Anton. Hu kien l-ewwel wieħed fost tliet ulied ta' Ġużeppi u Marianna, imwielda Spiteri. Mill-iskejjel tal-Gvern tal-Ħamrun u tal-Marsa, għadda għall-iskola tal-Kapuċċini fil-Furjana. Fis-16 ta' Jannar 1944 huwa beda n-novizzjat bl-isem ta' Fra Antonio Verdano fil-kunvent tal-Madonna tal-Grazzja, Għawdex. P. Anton jaf is-sejħa tiegħu għall-ħajja reliġjuża mill-ambjent nisrani tajjeb fil-familja. Għenu wkoll il-fatt li kellu żewġ zijiet Reliġjużi: wieħed Dumnikan, P. Anton Spiteri, ħu ommu, u l-ieħor Kapuċċin, P. Feliċ Scicluna, ziju ta' Missieru.

Lissen il-Wegħdiet Perpetwi fil-Kunvent tal-Kalkara f'idejn Mons. Franġisku Saverju Fenech OFMCap, Prefett Appostoliku ta' Jhansi fl-Indja, fid-9 ta' Mejju 1948. Kien Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, li ordnah presbiteru nhar it-13 ta' Awissu 1952 fil-Konkatidral ta' San Ġwann.

## Ħidma Pastorali

Sentejn wara beda l-ħidma pastorali tiegħu bl-assistenza spiritwali lill-morda, kważi fl-isptarijiet kollha tal-Gvern u b'qadi ieħor fil-Knejjes tagħna. Barra minn hekk, P. Anton ġie msejjaħ biex jagħti s-sehem tiegħu f'bosta ħidmiet oħra fil-Kunventi u fil-Parroċċi tagħna: Viċi-Kappillan u Prokuratur fiż-żewġ Parroċċi tal-Marsa; darbtejn Gwardjan tal-Fraternità tax-Xemxija u darba ta' Għajn Dwieli, Raħal Ġdid. Wara ż-żjara li għamel lill-qabar ta' Patri Piju ta' Pietrelcina fl-1969, P. Anton beda jaħseb għat-twaqqif tal-Gruppi ta' Talb ta' Patri Piju.



## Imur Napli

Ftit wara li P. Anton ġie lura Malta, il-Provinċjal tal-Kapuċċini ta' Napli talabna biex ngħinuhom fl-assistenza mal-morda fl-Isptar *"Vecchio dei Pellegrini"* fil-qalba ta' Napli. P. Anton malajr aċċetta u fid-9 ta' Mejju 1981 beda l-ħidma tiegħu bħala Kappillan fl-isptar imsemmi. Hemm huwa għadda 11-il sena u nofs. Ma' din l-assistenza mal-morda, P. Anton ħass li kellu jħabrek ukoll biex ilaqqa' flimkien lill-Maltin residenti f'Napli (madwar 26 familja) u jgħinhom spiritwalment. Hawn sab għajnuna kbira mill-Konslu ta' Malta f'Napli, Dott. Michele Di Gianni. Iżda huwa ħass saħħtu tiddgħajjef u għalhekk kellu jħalli dik il-ħidma li kienet tant għal qalbu u jirritorna Malta fl-1992.

F'Malta, P. Anton għamel l-operazzjoni tal-*By-Pass* f'qalbu. F'qasir żmien ħassu tajjeb tant li seta' jerġa' jaqbad il-ħidma ta' Kappillan fl-Isptar Rużar Briffa, f'dak ta' Ħaż-Żmien u Ħas-Serħ. Fiż-żmien li dam Malta huwa kien jagħmel sehem mill-Fraternità tal-Marsa (Trinità Mqaddsa).

Fl-1998, P. Anton ġie mitlub jerġa' jmur Napli bħala Kappillan fl-Isptar *"Primo Policlinico"* ta' Napli. Matul dawn l-aħħar sentejn huwa ġedded ukoll il-ħidma tiegħu b'risq il-Maltin ta' Napli.

### Devot Kbir tal-Beatu Piju

Imma l-akbar opra li għaliha P. Anton jibqa' tabilħaqq imfaħħar hija l-ħidma qalbenija u bla waqfien biex ikabbar u jxerred l-għarfien ta' ħajjet il-Beatu Piju minn Pietrelcina fil-Gżejjer tagħna. Biex jilħaq dan il-għan għamel minn kollox f'medda ta' 30 sena, mill-1969 sas-sena 2000. Hu nnifsu jgħid li l-ħeġġa lejn P. Piju trawwmet fih minn ċkunitu, l-iktar bis-saħħa ta' zijuh P. Anton Spiteri O.P. li kien jagħmel ħafna ritratti ta' Padre Piju filwaqt li hu u ħuh Salvinu (P. Mario) kienu jqassmuhom lin-nies.



*P. Anton flimkien ma' familji Maltin li jgħixu f'Napli*

P. Anton waqqaf madwar 25 Grupp ta' Talb, l-ewwel tnejn kienu dawk tal-Mosta u ta' Tas-Sliema. Bejn l-1989 u l-2000 huwa kiteb għadd kbir ħafna ta' artikli dwar Patri Piju fil-gazzetti lokali kollha. Barra dawn l-artikli, huwa kiteb għal darbtejn Il-Ħajja tal-Beatu Piju. L-ewwel waħda fl-1978 u t-tieni fl-1995. Huwa ħejja wkoll it-tielet waħda bil-Malti b'żieda ta' tagħrif dwar il-Beatifikazzjoni, kif ukoll il-ħajja tal-istess Beatu Piju bit-Taljan. Dawn l-aħħar żewġ xogħlijiet għadhom mhux stampati.

Dejjem bl-istess ħeġġa, fl-1975, P. Anton kien qabbad lill-iskultur Alfred Camilleri jagħmillu bust ta' Patri Piju, li meta tlesta ġie mbierek minn P. Ewsebju Darmanin, dak iż-żmien Ministru Provinċjal (illum Isqof ta' Garissa fil-Kenya) quddiem il-Knisja tal-Kapuċċini tal-Furjana nhar is-16 ta' Mejju 1976. Dan il-bust, imbagħad, ittieħed fil-Knisja tal-Kapuċċini ta' Għajn Dwieli, fejn dak iż-żmien P. Anton kien Gwardjan tal-Kunvent. Wara t-twaqqif ta' dan il-bust, P. Anton, bl-għajnuna ta' kumitati apposta, u ta' bosta devoti u benefatturi, ħa ħsieb biex saru żewġ monumenti tal-bronż tal-persuna sħiħa tal-Beatu Piju. Wieħed jinsab fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Kapuċċini, Għawdex, li ġie mbierek fit-8 ta' Ġunju 1997 mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Nikol Cauchi, u l-ieħor fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Kapuċċini ta' Għajn Dwieli imbierek minn Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, fit-23 ta' Settembru 1997.

Fl-istess żmien twaqqaf Fond biex jinġabru l-flus u jitqiegħdu f'Bank Lokali, biex xi morda minn Malta li jkollhom bżonn ta' kura barra minn Malta jkunu jistgħu jintbagħtu fl-Isptar *"Casa Sollievo della Sofferenza"* mwaqqaf minn Patri Piju.

### Ħajja Aħjar

Aħna nemmnu li l-ħajja ma tintemmx imma tinbidel. Għalhekk nittamaw li Ħuna P. Anton qed jithenna għal dejjem bid-dehra ta' Alla wieħed fi tliet Persuni. Filwaqt li nistabru bi kliem ta' Fidi, nagħtu l-għomor lil ħuh P. Mario, lil oħtu Carmela u lil-żewġha u lill-familjari tiegħu kollha. R.I.P. ❑

## Pawlu Zammit jistrieħ fis-sliem



Nhar is-Sibt, 17 ta' Frar 2001, il-Mulej għoġbu jsejjaħ għal għandu lil Pawlu Zammit fl-età ta' 78 sena. Dawk kollha li sa ftit snin ilu kienu midħla tal-kunvent tagħna, u b'mod speċjali ta' l-uffiċċju tal-missjoni, żgur li jafu tajjeb lill-ħabib tagħna Pawlu, li hekk kif spiċċa mix-xogħol (daqs għoxrin sena ilu), intefa' ta' kuljum fl-uffiċċju tal-missjoni *Mission Stamp Bureau*. Kien iddedikat bis-sħiħ għall-missjoni, tant hu hekk li nistgħu ngħidu li kien missjunarji lajk impenjat, għalkemm qatt ma' mar f'art tal-missjoni. Il-Mulej biss jaf il-ġid li ħareġ mill-ħidma li wettaq bil-paċenza u fis-skiet, kemm fl-uffiċċju tal-missjoni kif ukoll għal dawn l-aħħar erba' snin fid-dar tiegħu fejn kien irtirat. Inħalluh f'idejn il-Mulej li huwa tant ġeneruż u għani fl-imħabba.

Il-funeral tiegħu sar fid-19 ta' Frar fil-knisja tagħna tal-Furjana, li fiha ħadu sehem għadd sabiħ ta' saċerdoti Franġiskani, Konventwali u Kapuċċini, u bosta qraba u ħbieb. Filwaqt li nkomplu niftakru fih fit-talb tagħna, nagħtu l-għomor lill-għażiża martu Doris, lil uliedu u l-familji tagħhom. R.I.P.

# Ġbart ċagħka ...

*novella ta' Lina Brockdorff OFS*

Erfajt driegħi l-leminija bi dritt rasi, ilwejtha f'għamla nofs qagħqa, intfajt kollni kemm jien lura waqt li riġlejja ppruvaw jissudaw fir-ramel, waħda quddiem l-oħra. Kont lesta biex għal darba oħra nuri l-ħila tiegħi fit-tfigħ taċ-ċagħak ċatt li kemm kemm imiss u jitbewwes ma' wiċċ il-baħar u bħal ħuttaf itir malajr sa ma jgħib għal kollox taħt il-firxa fiddiena. Iż-żewġ uliedi żammew in-nifs, kien waqt ta' eċċitament meta t-tefgħa tmiss 'l ommhom ... u stennew ... u stennew ...

Imma jien bqajt bla tħarrikt, wieqfa bħal statwa ta' l-irħam imdawra b'għejun ta' l-ilma ġo xi ġnien sabiħ. Ġrali xi ħaġa. Wara ftit sekondi, li għalija dehru minuti twal bħal erġajt ħadt il-ħajja, waddabt iċ-ċagħka li



niżlet bla ħeġġa u għerqet mingħajr ma bewset il-baħar, għerqet bla tama, bla temma ta' mħabba u b'ċaħda ta' ħajja.

Ħassejtni qisni dik iċ-ċagħka li għerqet. Il-bqija baqgħet kwieta u vojta f'raxx id-dlam ta' dak il-jum ta' Settembru. Ħajjart liċ-ċkejknin Louise u John jissuktaw woħodhom fil-logħob tagħhom għax jien f'salt kont għajjejt u xtaqt li nistrieħ, xtaqt inkun waħdi ma' ħsibijieti.

Intasabt fuq ir-ramel sħun, erfajt irkubbtejja 'l fuq sa ma resqu sa geddumi, serraħt rasi fuqhom, dawwart dirgħajja ma' riġlejja - qgħadt gozz. Ħassejtni tikka inviżibbli ġo dinja kbira; u kif il-bniedem li jkun qed jaqsam deżert immens kultant jinġabar fih innifsu u jdawwar għajnejh magħluqa fuq univers ikbar, dak ta' ruħu, hekk għamilt jien. Xtaqt insikket, nikkwieta u nraqqad il-mewġiet setgħana ta' emozzjoni li f'salt tqanqlu ġewwa fija. Għandi fid-demm fejn nara affarijiet mhux f'posthom, irrid malajr malajr bla telf ta' ħin nirranġa u nara l-ordni; imma ħaġa li qatt ma rnexxieli nwitti sew kif xtaqt jien kienu l-maltempati li minn żmien għal ieħor iqumu jvenvnu fuq ix-xefaq ta' qalbi.

Kienet il-fwieħa tal-baħar imħallat mar-rieħa ta' l-alka mitluqa f'xifer ir-ramel, kienet dik iċ-ċagħka sħuna f'qiegħ idi, u d-deżert miftuħ ta' ilma nir li tefgħuni f'dik il-farka ta' ġrajja ta' għaxar snin qabel.

Kont ma' Peter f'ħarġa ma' żgħażagħ oħra t'amparna. Konna ilna xi ftit ġimgħa li sirna nafu 'l xulxin billi nzertajna f'għaqda ta' studenti ta' l-ilsna barranin. Xi ħaġa kienet tiġbidna lejn xulxin, hekk li dejjem insibu ruħna flimkien waqt xi dawra fil-kampanja, fuq l-istess bank ġewwa karozza, jew nieklu fuq l-istess mejda meta l-għaqda tħejji xi ikla. F'kelma waħda, it-tnejn konna ntbaħna li bejnietna hemm qed tiġbidna dik il-kalamita misterjuża li b'qawwa ta' l-għaġeb tilgħab bina u, bħal labar żgħar ta' l-azzar, iddawwarna kif trid.

Kien żmien ħelu, kien żmien il-ħolm. Kull ħarsa li jtini Peter kont insib malajr tifsira għaliha, u tgħallimt nibni volumi ta' tifsir ta' kull leħħa t'għajnejh, kull l-iċken ċaqliqa ta' rasu. Kont naf li kien ikun jaħseb fija kemm meta jħares lejja kif ukoll meta ma jħarisx. Mingħajr l-iċken suspett kont sirt inħobbu, inħobbu bil-qawwa setgħana ta' l-ewwel imħabba. Ma kontx għadni naf wisq dwaru, ħlief li kont naf li fost sħabna jien kont il-magħżula tiegħu, imma tgħid kellu xi tfajla oħra?

L-imħabba iġiegħlek trid għalik b'mod totali l-persuna li inti tħobb, issir possessiva, issir għajjura. B'dan kollu kont hienja, konna nitkellmu dwar ħafna affarijiet, konna naqblu fuq bosta, ma naqblux fuq oħrajn, imma qatt ma tkellimna dwar imħabba. Waqt li għajnejna kienu jtajru minnhom xrar jaħarqu ta' mħabba, aħna kalmi kalmi nirraġunaw qisna qatt ma smajna bil-kelma 'imħabba'.

Darba, waqt li konna għaddejjin minn ġo għalqa ma' sħabna ġabar warda ċkejkna safra u tahieli mingħajr ma lissen kelma, imma niftakar li subajh bdew jirtgħodu u x'ħin ġbart biżżejjed għelmi ħalli nħares lejh għal mument wieħed il-ħarsa tagħna iltaqgħet - beżgħana, imma fl-istess ħin kollha ħlewwa u tenerezza ...

Sirt naf fejn joqgħod, bħali kien joqgħod tas-Sliema. Erħili kull filgħaxija, l-aktar meta kont inkun ili ma narah, ngħaddi minn quddiem id-dar tiegħu u qalbi timtela bis-sliem ukoll jekk ma narahx. Għadda aktar żmien u kien għadu qatt ma lissen ismi kif jien qatt ma sejjaħtlu b'ismu. Il-ħolma u x-xewqa tiegħi kienet biss li xi darba nisma' leħnu, tant ħelu fl-istess ħin sod isejjaħli b'ismi u mhux biss "sinjorina". Jien, ngħid għalija, kont naħseb fih lejl u nhar bħala 'Peter' mhux bħala 'Sur Ellul', u kont noqgħod seba' għajnejn li ma tmurx xi darba taqbiżli l-kelma 'Peter' quddiemu qabel ma jkun sejjaħli l-ewwel darba hu b'ismi.

Jum fost l-oħrajn iltqajna ma' sħabna u ġbidnieha lejn l-Għadira. Kienet ix-xitwa imma jum mill-isbaħ. Kien wasal biex jidlam. Sħabna bla kliem u bla sliem telquna u għaddewna biċċa sew 'il quddiem waqt li aħna bdejna niċċajtaw u nitfgħu ċ-ċagħak ċatt nilagħbu 'ħobża u sardina'.

Kien imiss lili, ġbart ċagħka u ppruvajt insib pożizzjoni tajba biex hekk ikolli vantaġġ u nagħmel figura. Kif kont hemm ser inwaddab iċ-ċagħka, ħassejt id sħuna tingħalaq fuq tiegħi, u x'ħin qbadt ser indawwar wiċċi ħalli nara x'ġara nsib wiċċu tant qrib lejn tiegħi. Għajnejh issammru ġewwa tiegħi. Kemm domna hemm inħarsu lejn xulxin? Ma nafx! Għax ma kienx żmien li tista' tkejlu bl-ebda arloġġ, fuq l-arloġġ kien jimmarka biss ftit sekondi li jgħaddu imma għalija kien intervall li jfisser eternità, waqt sublimi li ebda arloġġ ma jimmarka, esperjenza li tagħha ebda snin ma jirnexxilhom iċajpru l-emozzjoni. Kif hemm mument qasir ta' meta tkun qed tinżel ix-xemx li fih ma tistax tgħid jekk hux jum jew lejl ... hekk jien f'dak il-waqt ma stajtx ngħid jekk kontx fid-dinja jew fil-ġenna.

Smajt dik il-kelma li kont tant ili nistenna - 'Louise'! 'Peter'! Konna qisna koppja ta' żeffiena b'idejna 'l fuq, riġlejna fir-ramel u warajna x-xenarju naturali ta' xefaq ikħal li taħt għajnejna beda jinbidel f'lewn ħamrani. Ma lissintx kelma. Iċ-ċagħka waqgħet minn idi. Iż-żeffiena baqgħu mixjin id f'id, bla ma ħassew ir-ramel għax minn floku taħt riġlejhom beda jittajjar sħab sabiħ, kienu silwett ta' sliem - bla kliem. Għax fl-arja ta' madwarhom fl-istess atmosfera ta' dak il-livell ġdid ta' ħbiberija kienu qed jisimgħu l-isbaħ melodija li setgħu jisimgħu huma biss. U għax għandu l-kliem jikser is-seħer misterjuż ta' waqt bħal dak li aktarx bħalu fil-ħajja ma jiġix ieħor?

X'ħin tlaqna minn hemm, ix-xena kienet inbidlet. Ix-xefaq tefa' l-bozoz ħomor tar-ribalta u xegħel dawl ieħor fin, fiddien, dawl li jbiddel kull sura u jagħti dehra mhux ta' did-dinja ukoll lill-aktar affarijiet komuni.

Bqajna niltaqgħu kuljum. Il-ħin li nkunu flimkien itir bħal berqa, il-ħin ta' bejnietna dawn il-ftit sigħat jitkaxkar bħal sħaba sewda kerha u tqila. Bdejna nitgħallmu ħafna xorti dwar xulxin. Kien l-uniku ġuvni jgħix ma' ommu xwejħa; il-missier ftit snin qabel telaq lejn l-Awstralja bi skuża li jsib ix-xogħol. Kien jibgħat ittra kultat u flus kważi xejn. Drajt li fi kliemna kemm jista' jkun ma nsemmux lil missieru, imma meta xi darba tiżloqlu l-kelma 'Awstralja', mingħajr ma naf għaliex, qalbi kienet tagħmel tikk.

Konna ilna noħorġu flimkien l-isbaħ sitt xhur. Jum fost l-oħrajn Peter ġie tard u mill-bixra tiegħu ntbaħt li nqala' xi ntopp. Malajr smajt l-istorja. Missier Peter kien tah attakk f'qalbu; ma kienx f'periklu li jitlef ħajtu malajr, imma attakk tal-qalb huwa dejjem attakk tal-qalb. Kitbilhom li xtaq jarahom, xtaq iqatta' l-aħħar xhur ta' ħajtu ma' martu u ma' ibnu ... u hu ma kienx fi stat li jiċċaqlaq.

Il-ftit jiem li kien fadalli nara lil Peter kienu jiem ta' torturi. Konna għadna mhux għarajjes biċ-ċurkett billi konna għadna ftit żgħar. Qabel telaq Peter wegħedni li ħliefi fid-dinja ma jeżistux tfajliet għalih; wegħedni li jiġi lura għalija; wegħedni ...

Issa għaddew għaxar snin. Peter u l-imħabba tagħna lejn xulxin baqgħet għalija tifkira ħelwa, sabiħa u ħajja, merfugħa fl-album ta' tifkiriet. Kemm kien għadda żmien u fl-istess ħin kien qisu ġara kollox il-bieraħ!

Qomt minn fuq ir-ramel, ġbart ċagħka minn qrib riġlejja, ċagħka ċatta, bajda u sabiħa. Ix-xemx bdiet nieżla, it-tfal kienu għejew. Ippruvajt b'leħen ferrieħi nħajjarhom biex jarawni nwaddab l-aħħar ċagħka li ġriet b'saħħa tal-għaġeb ħafifa ħafifa, iżżiġġ, toqmos u taqbeż waqt li kull darba tħalli warajha fl-ilma ċrieki żgħar li bil-ħeffa jikbru u jinfetħu. Ċrieki sbieħ u misterjużi! Tgħid jaslu sax-xtajta ta' l-Awstralja? ...

Tlaqna lejn id-dar; imma qabel ħallejt ix-xatt sellimt lil Peter: "Peter, int fejn int, il-lejl it-tajjeb! Nixtieqlek tkun taf li ġewwa qalbi hemm niċċa ċkejkna mwarrba li fiha għadni ngħożżok u nħobbok!" ❑

# TISLIBA 12

minn P. Wistin ATTARD ofm cap



1. Jagħtuha n-nisa. (Salm 68, 12) (5)
2. Leħen l-arkanġlu u din. (1 Tes 4, 16) (6)
3. L-ewwel li jieħu minnu. (2 Tim 2, 6) (5)
4. U l-... ta' xagħru. (2 Mak 6, 23) (5)
5. Semgħu mad-daqq. (Lq 15, 25) (4)
6. Ma ... idawru wiċċhom. (Eżek 1, 9) (5)
7. Kellhom din li jkollhom fidi. (2 Pt 1,1) (5)
8. Biex ... lil dawk taħt il-liġi. (Gal 4, 5) (5)
9. L-ittra lir-Rumani. (3)
10. Qatagħhielu bis-sejf. (Mt 26, 51) (7)
11. u 12. Hekk għamlu bis-salmi u l-innijiet. (Efes 5.19) (6)
13. It-tielet mis-seba' prinċpijiet. (Est 1, 4) (6)
14. Talab għan-nar. (2 Slat 1, 12) (5)
15. Din kienet waslet għaż-żwieġ. (1 Sam 18, 19) (5)
16. Ngħid li m'għandix. (Ġob 9, 21) (5)
17. Staqsew għalih u l-ħobż. (Lam 2, 12) (5)
18. Fuq il-maqbad tiegħu. (Għan 5,5) (7)
19. U ... afu. (Kol 4, 1) (4)
20. Hu ta' ... jafdah. (Tob 5, 9) (3)
21. Jisma' u *ma jiftakarx*. (Ġak 1, 25) (5)
22. Hekk jagħmel l-ilma. (Sir 3, 30) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' FRAR:***

*1. Karru; 2. Tidwir; 3. Baqta; 4. Daqqa; 5. Atti; 6. Allat; 7. Abija; 8. Artal; 9. Raw; 10. Taqliba; 11 u 12. Drawwa; 13. Waslet; 14. Aħbar; 15. Sagri; 16. Ħatar; 17. Ersaq; 18. Ħassada; 19. Seba; 20. Sar; 21. Akbar; 22. Areta.*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibgħatu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħ ta' dan ix-xahar huwa: Silvio Agius - San Ġwann**

**Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1997).**

# P O E Ż I J I

*minn Geoffrey G. Attard*




## L-GĦANJA TA' L-ABORTIT

Nixtieq noħroġ għall-ħajja
U nara dawl ix-xemx
Imm'ommi tridni mejjet
Għalija tama m'hemmx.

Irrid induq il-hena
Ta' dinja kollha ġmiel
Nixtieq li tas-sbuħija
T'hemm barra jkolli ħjiel

Hawnhekk m'hawn xejn xi ngawdi
Nistenna fuq ix-xwiek
Biex noħroġ nara l-beraħ
Li ħoloq il-Ħallieq.

Imm'hekk kif sa nitwieled
Inħossni nsir biċċiet
U l-ġisem tari tiegħi
jinbidel f'tertuqiet.

## L-GĦANJA TAL-ĦABSI

Hawn ġew ngħaddi l-jum tiegħi
Nistenna l-jum feddej
Biex noħroġ, biex interraq
U nifli ż-żmien għaddej.



Mill-għabex sa ma jżernaq
Mis-sbiħ sa tmiem il-jum
Niskonta ż-żmien li tawni
B'kastig ta' att mitmum.

Nittama biss la noħroġ
Li nsib min jifraħ bija
U ngħix kuntent u hieni
Il-jiem li hemm għalija.

*29 - 12 - 2000*







# Kemm hu bis-SENS!

*minn Fr. Joe Giuliano OFMCap*

Waħda mill-espressjonijiet li jużaw iż-żgħażagħ biex juru li ħaġa tkun sabiħa jew teknikament magħmula tajba, jew biex ifissru per eżempju l-kwalità ta' *sound* ħiereġ minn xi sistema ta' *surround*, joħorġu b'din l-espressjoni: "bis-Sens!" Il-kejl tallum huwa l-*vision*, kemm hu sabiħ dak li tara konkretament; is-*sound*, kemm hi tal-widna xi biċċa mużika tajba jew xi song b'ritmu qawwi; kif ukoll il-*feeling* ta' ħaġa jew l-emozzjoni li tħoss meta tara, tisma' jew tmiss xi ħaġa. F'kelma waħda, llum jagħmel sens dak li tista' tesperjenza, dak li huwa konkret.

Meta xi drabi titkellem maż-żgħażagħ "in ġenerali" dwar il-vokazzjoni għal saċerdot, patri jew soru, u aktar u aktar jekk din tkun tal-klawsura, minkejja li ma jidħkux bik, u jgħidulek li japprezzaw u jammiraw dawk li jgħixu hekk, juruk li għalihom din il-ħajja ma tantx fiha sens. Espressjonijiet li jużaw huma bħal: "... biex tmur tingħalaq!", "... dejjem titlob", "... tgħix imdejjaq", "... mà, x'biża'!"

Tassew għandhom raġun meta jgħidu hekk, għax il-vokazzjoni tagħmel biss sens meta tkun fuq il-frekwenza ta' Alla, jiġifieri meta tkun qiegħed idduq il-ħlewwa tiegħu! Is-salmista jgħid: "Duqu u taraw kemm hu ħelu l-Mulej!" Tassew, li meta tagħti lil Ġesù in-no.1 fil-ħajja tiegħek, tasal biex tgħid ma' San Pawl: "Kollox ngħodd bħala knis filli nikseb lil Kristu u dan Imsallab". Il-vokazzjoni tibda tagħmel sens sewwa, meta tkun bdejt tassew tinnamra ma' Alla, u tibda tħalli f'idejh l-*isteering* ta' ħajtek. Il-vokazzjoni hija riżultat ta' din l-għerusija, b'mod li inti ssir tgħix għalih u għalih biss, u tkun lest li taqdi lil ħutek minħabba fih! Jekk imbagħad ifettillu jsejjaħlek biex timxi warajh bħala saċerdot, patri jew soru, jew lajk/a kkonsagrat/a, ma ssibhiex bi tqila biex tgħidlu IVA, għax ħajtek tkun diġà IVA waħda u kontinwa, u għalhekk, bħal Marija, tgħidlu: "... ħa jsir minni skond kelmtek!"



Min hu midħla ta' Alla, il-vokazzjoni mhux biss jgħidilha "bis-sens" iżda wkoll "tal-ġenn!"

***Jekk trid tkun taf aktar dwar il-ħajja u l-ħidma ta' l-Aħwa Kapuċċini, ċempel lil Fr. Joe Giuliano OFMCap. jew Bro. Dennis Calleja OFM Cap. fuq in-numri 825724 jew 800612.***

# *Għinna nibnu l-KNISJA fil-Kenja*

## billi tgħin fil-formazzjoni taż-żgħażagħ Kapuċċini Kenjani



BORŻA TA' DTUDJU hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tinqasam bejn is-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.



Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża / saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

### *Mezz ieħor biex tgħin lill-Missjoni ...*

# Inkiteb fl-Opra Serafika tal-Quddies



In gratitude for a contribution
for the support of the
Capuchin Foreign Missions

has been enrolled in the
Seraphic Mass Association

All members of this Capuchin missionary
Association share in the Masses,
prayers and good works of the
Capuchin friars throughout
the world.

*Delegate of the Association*

Requested by: ______

X'inhi l-Opra Serafika tal-Quddies?

Fis-sena 1899, waħda Sinjorina bl-isem ta' Folger, fl-Isvizzera, waqqfet din l-opra biex tkun tista' tgħin lill-Missjunarji u missjonijiet Kapuċċini.
Din il-ħaġa xterdet kull fejn daħlu l-Kapuċċini.
Kulmin ikun miktub (ħaj jew mejjet) f'din l-opra jakkwista għal dejjem mill-frott li jinkiseb:
a) mill-quddies iċċelebrat mill-Kapuċċini fid-dinja kollha għall-benefatturi tal-missjonijiet tagħhom;
b) mit-talb u l-opri meritorji kollha li jagħmel l-Ordni Kapuċċin u l-missjonijiet tiegħu.
L-offerta hija libera u ta' darba.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil Fr. Joe Alessandro, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**
**Tel: 233874 / 234949 / 225525**

# Ġeddidtu l-Abbonament għal din is-sena?